# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Tnejn u Għoxrin (22) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 221/14 FDP**

Fl-ismijiet

**Dorianne Stanicic (ID 296585M) u Jurgen Stanicic (ID 466580M)**

**Vs**

**Supretendent Sptar Mater Dei u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Marzu 2014, li permezz tieħhu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Fit-23 ta' Frar 2011 kien hemm appuntament fl-out patients tal-ġinekoloġija u ma ntuża l-ebda monitor u l-ebda ultrasound pero' lill-mara qalulha illi kienet miftuħa 2 u jistgħu jmorru lejn id-dar. Fis-27 ta' Frar 2011 bejn l-erbgħa u nofs u l-ħamsa, Dorianne Stanicic marret għamlet ultrasound St. James Ħaż-Żabbar għax ma bdietx tħoss it-tarbija tiċċaqlaq u beżgħet. Hawnhekk tawha parir biex imorru l-Isptar Mater Dei għax in-nurse bdiet tibża' li l-magna mhix tajba.*

    2. *Fis-27 ta' Frar 2011, immedjatament wara, tlaqna minn St. James u morna l-isptar Mater Dei u dħalna fid-delivery suites. Sar ultrasound*

*u tawna l-aħbar li t-tarbija mejta. Wara, l-istess tabib li għamlilna l-ultrasound, ġie biex jibda l-proċess u ma setax jifqa' l-ilma u qal lil Dorianne "min qallek li qiegħda miftuħa 2? Ghax lanqas l-ilma ma nista' nifqagħlek." Għaddejna lejl f'kamra għal tal-apposta għal meta jiġru każijiet simili bħal tagħna. Għamlulha tip ta' gel biex tibda l-proċess. Fit-28 ta' Frar ġie Dr. Kraus biex jifqgħalha l-ilma ħalli tkun tista' twelled. Ħadu lil Dorianne f'Room 7 fl-istess ward biex isir it-twelid fejn midwifes jassistuha kien hemm Vincienne Brockdorf u Mary Mercieca. Dan kien għall-ħabta tat-tmienja u nofs. Fis-sagħtejn ġew Sandra Castillo, counsellor, u Dr. Isabella Borg biex jaraw kif xtaqet li ssir l-awtopsja u biex ikellmuna fuq il-kunsens għal xi tip ta' testijiet oħra. Aħna tajna l-kunsens li ssir full autopsy. Fl-erbgħa ta' wara nofsinhar beda l-prożess tal-ħlas fejn ħa żmien ta' bejn wieħed u ieħor siegħa. Kien hawn fejn twieldet it-tifla u wara urewna s-sekonda biex juruna illi t-twelid kien sħiħ. Jien erfajt lit-tifla u meta għannaqtha miegħi, minn ħalqha ħareġ id-demm u ċappsitli ħwejġi u ċioe' l-flokk li kont liebes. Nixtieq ngħid li t-tifla twieldet tiżen 3.140kg.*

3. *Fit-28 ta' Frar għal-ħabta tal-ħamsa u kwart, wara t-twelid, il-mara kellha bżonn li jsirulha xi punti fil-parti tagħha għaliex bit-twelid kienet iċċartet. Kien hawn fejn ġiet it-tabiba biex tibda tagħmel il-punti. Waqt li bdiet l-intervent tagħha, wara ftit ħin, daqqilha l-mobile u talbet lill-mara biex tiskużaha. Qamet minn postha u marret twieġeb il-messaġġ li kien daħlilha. Reġgħet ġiet, libset par ingwanti oħra u reġgħet bdiet tħit. Kien hawn fejn reġa' daqq il-mobile u reġgħet talbet lill-mara biex tiskużaha ħalli terġa' twieġeb il-messaġġ. Telqet minn idha u wieġbet il-messaġġ. Reġgħet ġiet biex tkompli, libset par ingwanti oħra u kompliet. Wara ftit ħin reġa' daqq il-mobile, ringtone fit-tul, kienet call. Reġgħet talbet lill-mara biex tiskużaha ħalli tieħu t-telefonata u smajtha tgħid "Ma', ħa nħallik għax għandi patients." Qatgħet u reġgħet ġiet biex tkompli.*

4. *Għal-ħabta tal-ħamsa u kwart tat-28 ta' Frar, wara li ppruvat tkompli tħit, ħarset lejn il-mara u qaltilha "sorry, m'intix ta' jdejja, ħa mmur insejjaħ lil ta' fuqi". U ħarġet mill-kamra. Wara xi ħames minuti daħal tabib waħdu, poġġiha bilqiegħda u kompla jħit. Lesta f'xi għaxar minuti u telaq 'il barra.*

5. *Fl-1 ta' Marzu 2011 għall-ħabta tal-ħdax u nofs qalulna jekk irridu stajna mmorru lejn id-dar u hekk għamilna. Minn mindu l-mara ħarġet mill-isptar, għall-perjodu twil, sal-aħħar ta' April 2011, Dr. Dalli Xuereb, tabib tal-familja, kien jiġi jagħmlilha visti minn darbtejn sa tlieta fil-ġimgħa. Dan minħabba rwejjaħ insapportabbli li kien ikollha u dejjem kien jordnalha mediċini għax kien qed jaħseb li kienet xi infezzjoni. Fit-30 ta' April 2011 għall-ħabta tal-għaxra tal-bil-lejl, waqt li konna fis-sodda, indunajt li qed tħoss xi ħaġa mhux f'postha fil-parti tagħha u qaltli l-mara, "naħseb għandi xi punt li għadu ma*

*nqatax" u wara ftit ħin qaltli, "Madonna, hawn x'għandi?" Kien hawn li mill-parti tagħha ġibdet swab ta' 10 by 10 cm li kienet maħmuġa sew b'demm u b'ħafna materjal disgustanti ieħor. Ir-riħa insapportabbli li kien ikollha l-mara fuqha, wara li għalaqna l-iswab ġo borża, ma kienx għadha hemm. Fl-1 ta' Mejju 2011, għall-għaxra ta' filgħodu, konna qegħdin ma' xi ħbieb oħra Għawdex fejn dak il-ħin il-mara ċemplet lil Mr. Mamo, gynaecologist li bih konna ninqdew aħna u qaltlu b'li konna skoprejna u qalilha biex ma tippanikjax. Imma aħna xtaqna second opinion u għalhekk morna l-isptar t'Għawdex u hemm sibna tabib li eżaminaha u ordnalha xi mediċini waqt li dar fuqi u qalli "dan lucky għax dan huwa każ fatali". Fit-2 ta' Mejju waqt li kont għadni irrabjat għal dak li ġara, kont ċempilt lill-Ministru tas-Saħħa biex jekk ikun possibbli nagħmel appuntament mal-Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Joe Cassar u kien hawn fejn qaluli biex nagħmel l-ilment tiegħi lil customer care tal-Mater Dei Hospital. F'Mejju 2011 kellna appuntament il-Gynae Outpatients biex immorru għar-riżultat tal-awtopsja. Meta dħalna sibna lil Dr. Muscat Berran u tabiba oħra u wara li wrew id-dispjaċir tiegħu għall-mewt tat-tifla, qaltilna "sfortunatament qegħdin fl-2011 u mingħalina li nafu ħafna fuq ix-xjenza imma ma nafu xejn". Jien staqsejt biex nara x'riżultat tal-awtopsja u kien pront qalli, "hawn ħa arah u dum kemm trid imma dan minn hawn ma joħroġx". Fost ħafna kliem li beda jgħid, jiena staqsejtu fuq il-cause of death fejn kien hemm miktuba "lack of oxygen" u huwa qalli, "qisek għandek cake ġo liquidizer u qlajtlu l-plakka u ma ġiex tajjeb". Jien dak ma rajthiex raġuni u minn hawn beda jgħaddili l-ħsieb ħażin li xi ħaġa ma kinitx f'postha. F'Mejju rċevejna appuntament biex niltaqa' ma' Dr. Bridget Gafa'. Kien hawn fejn konna ħadna l-garża magħna u tlabniha biex jeżaminawha għax skont hi bdiet taħseb li poġġejniha aħna. F'Ġunju 2011 kellna appuntament ma' Dr. Isabella Borg tal-genetics fejn spjegatilna li minn kampjuni tad-demm li ttiħdulna mill-genetics tagħna, kellhom kollox tajjeb waqt li kienet irrabjata ħafna għal mod li bih ittrattawna fejn qaltilna "għandkom stilla ħamra daqshiex fuq il-file, li tfisser biex itukom iktar attenzjoni u ma nafx għaliex ħallewkom sal-aħħar". Nixtieq inżid li fil-perjodu minn wara t-twelid sa' Awwissu konna mmorru għand Mrs. Sandra Castillo darba fil-ġimgħa u ġieli darba kull ħmistax għat-trawma li konna għaddejjin minnha.*

6. *Irrid ngħid illi dik il-marka li kien hemm fuq il-file tal-mara kienet saret minħabba l-attenzjoni speċjali illi kellha tingħata lill-mara fit-twelid. Kif diġa' spjegajt, dan ma sarx għaliex kienu qalu illi l-mara kienet miftuħa 2 u bagħtuna lejn id-dar.*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, kemm minħabba li ġiet kkawżata l-mewt tat-tarbija illi m'hemm l-ebda sinjal li ma kinitx viable, u t-trawma konsegwenti illi għaddejna u għadna għaddejjin minnha kif ukoll għall-fatt ta' traskuraġni tal-garża illi wkoll kellha effett ħażin fuq il-mara tiegħi.*

2. Rat illi l-atti ġew notifikati lis-Supretendent Mater Dei Hospital, Avukat Ġenerali u Tabib tal-Gvern fl-4 ta' April 2014 (fol 18).

3. Rat illi fl-14 ta' April 2014 it-Tabib Prinċipali tal-Gvern laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament 1-Intimat Supretendent tal-Isptar Mater Dei ma għandux ebda locus standi u ġie mħarrek inutilment stante illi huwa ma għandux ir-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa u dana ai termini tal-Artikolu 181 B tal-Kap 12.*

   2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess it-Tabib Ewlieni tal-Gvern lanqas ma għandu locus standi f'dawn il-proċeduri stante li l-lanjanza tar-rikorrenti hija rigward il-kura medika mogħtija lil Dorianne Stanicic liema kura medika ma ngħatatx minn dan l-intimat iżda mit-tobba professjonisti. Dan l-intimat jirrispondi biss għal culpa in vigilando u culpa in eligendo, li lanqas biss ma huma allegati mir-rikorrenta.*

   3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Jurgen Stanicic ma għandu ebda locus standi f'dawn il-proċeduri stante illi l-kura u s-servizzi tas-Saħħa kollha ingħataw lil Dorianne Stanicic u għalhekk ma jeżisti ebda vinkolu bejn dan ir-rikorrent u xi ħadd mill-intimat.*

   4. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess l-irritwalita' tar-rikors promotur stante li ebda indikażżjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti u dana b'detriment ċar u manifest għall-intimati stante illi ma humiex f'pożizzjoni illi jiddefendu ruħhom b'mod xieraq sew u għalhekk huma f'pożizzjoni żvantaġġata.*

   5. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess il-kura u l-attenzjoni kollha mogħtija lir-rikorrenta kienet secundem artem u għalhekk kwalsiasi allegazzjoni u pretensjoni għad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

   6. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjoni fil-konfront tal-avukat sottofrimat hija wkoll totalment infondata u bla bażi, stante illi l-allegata garża ġiet prodotta mir-rikorrenti minn jeddhom fit-tentattiv tagħhom illi jkunu kredibbli fl-allegazzjonijiet vantati minnhom.*

7. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess u a skans ta' kull ekwivoku ħadd mir-rikorrenti (*mill-intimati![1]*) ma jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrenti stante illi kwalsiasi dannu allegat ma ġrawx tort ta' xi nuqqas imputabbli lil imsemmija intimati.*

8. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għal premess it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

4. Rat illi ma daħlet ebda risposta oħra u għalhekk tifhem illi tali risposta kienet intiża kemm għas-Supretendent Mater Dei Hospital kif ukoll għat-Tabib tal-Gvern, kif del resto jirriżulta fis-sottomissjonijet finali tagħhom.

5. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2014 il-Qorti ordnat illi jinbdew il-provi.

**Provi**

6. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dorianne Stanicic**, ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2014. (fol 25)

7. Rat il-kopja tal-file mediku ta' Dorianne Stanicic ppreżentat mill-intimati fl-20 ta' Jannar 2015. (fol 35 - 338)

8. Rat ix-xhieda ta' **Dr Darryl Xuereb**, mogħtija fit-22 ta' Jannar 2015 u prodott mir-rikorrenti. (fol 340)

9. Rat ix-xhieda ta' **Dr Yves Muscat Baron**, mogħtija fit-12 ta' Mejju 2015. (fol 351)

10. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-6 ta' Ottubru 2015, ossija korrispondenza mill-Customer Care Unit datata 6 ta' April 2012 dwar l-ilment tar-rikorrenti. (fol 356)

11. Rat illi fis-6 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw illi għalqu l-provi.

12. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2015 ġiet appuntata Dr Anne Portelli bħala Perit Legali biex tisma' x-xhieda u tirrelata dwar il-każ.

13. Rat illi fit-2 ta' Novembru 2018 il-Perit Legali ppreżentat ir-relazzjoni tagħha wara illi semgħet ix-xhieda u saru s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet. (fol 416)

14. Rat illi quddiem il-Perit Legali Dr Anne Portelli, instemgħu s-segwenti xhieda:

    a. Xhieda in eżami ta' Dr Yves Muscat Baron fid-19 ta' Frar 2016.
    b. Xhieda in eżami ta' Dr Michelle Montanaro Gauci fid-19 ta' Frar 2016.
    c. Xhieda in kontro eżami ta' Dr Yves Muscat Baron fil-5 ta' Ottubru 2017.

[1] Jidher illi saret referenza żbaljata f'dina l-parti tar-rikors

d. Xhieda in kontro eżami ta' Dr Michelle Montanaro Gauci fit-30 ta' Jannar 2018.

15. Rat ukoll illi quddiem l-Perit Legali saru s-sottomissjoniet bil-miktub tar-rikorrenti (fol 385) u tal-intimati Supretendent tal-Isptar Mater Dei u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern (fol 390) kif ukoll saru s-sottomissjonijiet viva voce.

16. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019 dina l-Qorti, kif presjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ u awtorizzat lill-partijiet jagħmlu domandi in eskussjoni bil-miktub jekk iħossu opportun.

17. Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub ta' l-intimati illi saru fid-19 ta' Novembru 2018. (fol 543 u 554)

18. Rat ir-risposti tal-Perit Legali bil-miktub illi ġew ippreżentati fis-17 ta' Ottubru 2019. (fol 558)

19. Rat illi l-intimati, wara l-egħluq tal-provi kollha u tar-relazzjoni fil-31 ta' Jannar 2019, l-intimati, fil-21 ta' Ottubru 2019, talbu għal ħatra ta' espert mediku (fol 571), liema talba ġiet miċħuda minn dina l-Qorti fid-19 ta' Novembru 2019.

20. Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub tar-rikorrenti illi saret fis-27 ta' Novembru 2019, (fol 579)

21. Rat ir-risposti għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti illi saru mill-Perit Legali fil-21 ta' Jannar 2020. (fol 583)

22. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

23. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

**Ikkunsidrat**

24. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Dorianne Stanicic, fi Frar 2011, kienet tqila bit-tieni tarbija tagħha, wara illi kellha varji korrimenti qabel, u kienet fl-aħħar stadju tat-tqala tagħha qabel il-ħlas.

25. Jirriżulta illi fit-23 ta' Frar 2011, hija marret l-'*out patients*' ta' l-iSptar Mater Dei sabiex issirilha vista peress illi t-tqala kienet riesqa lejn tmiemha, u dakinkhar, meta ġiet invistata minn Dr Michelle Montanaro Gauci illi, wara li għamlitilha t-testijiet fiżiċi u anke domandi, ikkonkludiet illi r-rikorrenti Dorianne Stanicic kienet għadha mhix fi stat biex twelled u għalhekk qaltilha biex tmur lura d-dar.

26. Jirriżulta illi, dakinhar Dr Montanaro Gauci, kif rat l-istorja tar-rikorrenti w eżaminat it-tarbija u flimkien mat-tobba tat-'team' tal-Professur Yves Muscat Baron, illi taħt il-kura tagħha kienet dak iż-żmien r-rikorrenti, ġie deċiż illi r-

rikorrenti Dorianne Stanicic, minkejja l-fatt li kienet ġia' korriet tlett darbiet qabel, setgħet xorta waħda jkollha ħlas normali dak iż-żmien, anke in vista tal-fatt illi t-tarbija kienet f'posizzjoni tajba u l-fatt li, preċedentement, welldet l-ewwel tarbija tagħha b'operazzjoni taċ-ċesarja, u għalhekk ma kienx opportun illi t-twelid ma jkunx wieħed naturali, sa fejn possibbli.

27. Jirriżulta illi għalhekk, Dorianne Stanicic reġgħet intbagħtet lura d-dar u ntalbet tiġi lura ġimgħa wara.

28. Jirriżulta illi ftit jiem wara, fis-27 ta' Frar 2011, meta kellha tqala ta' 39 ġimgħa u tlett ijiem, hija ma baqgħetx tħoss moviment tat-tarbija u, wara li marret privatament ġewwa St. James Hospital, hija intbżgħtet l-Isptar għax minn St. James Hospital ma kinux ċerti illi l-apparat tagħhom kien qed jaħdem.

29. Jirriżulta illi hekk kif marret l-Isptar Mater Dei, ġiet mal-ewwel eżaminata u ingħatat l-aħbar traġika illi t-tarbija tagħha kienet attwalment mietet, u għalhekk inżammet l-Isptar.

30. Jirriżulta illi l-għada, 28 ta' Frar 2011, hija welldet lit-tarbija mejta u, sussegwentement awtorizzaw li ssir awtopsja fuq it-tarbija, liema awtopsja sussegwentement sabet illi t-tarbija mietet riżultat ta' "intrauterine anoxia', ossija ssoffokata b'nuqqas ta' ossiġenu.

31. Jirriżulta illi wara t-twelid, lir-rikorrenti Dorianne Stanicic kellhom isirulha xi punti minħabba f'tiċrit illi seħħ, u, skond ir-rikorrenti, l-proċess adoperat mit-tabiba, mhux identifikata tul il-proċess kollu tal-każ, li kienet qed tagħmillha l-intervent ma kienx wieħed professjonali, fejn it-tabiba waqqfet varji drabi sabiex tirrispondi telefonati personali fuq il-mobile tagħha u eventwalment għajtet għall-assistenza ta' tabib ieħor stante illi, skond ir-rikorrenti, qalet illi ma kienx ta' jdejha.

32. Jirriżulta illi sussegwentement ir-rikorrenti Dorianne Stanicic ġiet rilaxxjata u marret lura d-dar iżda bdiet tilmenta minn irwejjaħ ħżiena mill-parti intima tagħha u t-tabib personali tagħha, Dr Darryl Xuereb ippreskrivilha mediċini sabiex jtaffu kwalsiasi infjammazzjoni illi setgħet qed tikkawża tali sitwazzjoni.

33. Jirriżulta illi, eventwalment, fit-30 ta' April 2011, waqt illi r-rikorrenti kienu qegħdin btala Għawdex sabiex jirkupraw mit-trawma tal-mewt tat-tarbija, mill-parti intima tagħha ħarġet garża ta' għaxar ċentimetri kwadru (10 x 10 cm) illi kienet attwalment qed tikkawżalha l-irwejjaħ u li, skond ir-rikorrenti, tħalliet bi żvista waqt l-intervent illi kien qed isirilha wara l-ħlas meta sarulha xi punti riżultat tat-tiċrit illi kien ġralha.

34. Jirriżulta illi l-għada huma marru l-Isptar Għawdex sabiex tiġi invistata u t-tabib illi invistaha, apparti li ppreskrivilha serje ta' mediċini, għarrafha illi l-inċident li ġralha kien wieħed gravi li seta' kellu konsegwenzi fatali.

35. Sussegwentement huma ddiskutew il-każ mal-awtoritajiet ta' l-Isptar, ossija kemm il-kwistjoni tal-mewt tat-tarbija ftit qabel it-twelid, kif ukoll tal-garża illi tħalliet

ġewwa r-rikorrenti u, għalkemm skond ir-rikorrenti Stanicic, mument minnhom l-intimati offrewlha €5,000 f'kumpens, hija ma aċċettatx u eventwalment bdew bil-proċeduri odjerni fl-14 ta' Marzu 2014.

36. Jirriżulta, finalment, mir-rekords mediċi esebiti mill-intimati, illi wara tali trawma, r-rikorrenti, sa meta ġew ippreżentati r-rekords kliniċi mill-intimati fl-20 ta' Jannar 2015, kellha żewġt trabi oħra b'saħħitihom illi twieldu fis-6 ta' Ġunju 2012 u fis-16 ta' Lulju 2014, lkoll permezz ta' operazzjoni magħrufa bħala 'Cesaria'.

**Difiżi**

37. Jirriżulta illi l-intimati, qajjmu varji difiżi sabiex jeżimu ruħhom mir-responsabbilta' fil-każ odjern.

38. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali ikkunsidrat tali difiżi, u għalhekk ikun opportun illi l-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet tagħha jiġu inklużi fil-korp tas-sentenza, għall-kompletezza tal-proċeduri odjerni.

39. Jirriżulta illi dwar il-varji difiżi, l-Perit Legali kellha dan xi tgħid:

**A. <u>Eċċezzjonijiet *in linea* preliminari:</u>**

***1. L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati - Locus standi ta' Suprintendent Sptar Mater Dei***

*L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati li Suprintendent Sptar Mater Dei mhux il-leġittimu kontradittur għal din l-azzjoni a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex huwa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern li jirrappreżenta l-Gvern. Fiż-żmien meta ġie intavolat ir-rikors ġuramentat l-Art 181B tal-Kap 12 kien fis-seħħ billi din id-dispożizzjoni daħlet fil-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV tal-1995.*

*L-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi fl-ewwel sub inċiż illi:*

> *"Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."*

*L-Att Dwar is-Saħħa, il-Kap 528 tal-Liġijiet ta' Malta. Taqsima II Artiklu 4 sub-inċiż (2) 'Il-Kap ta' dan id-Dipartiment għandu jkun l-Uffiċjal Mediku Ewlieni tal-Gvern'. Pero' taqsima IV ta' l-istess Att li tirrigwardja Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa, Artikolu 8 li jgħid:*

> *(1) Għandu jiġi stabbilit Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa li l-missjoni tiegħu għandha tkun li jħares is-saħħa pubblika, joħroġ liċenzji, jissorvelja u jispezzjona l-għoti tas-servizzi tas-saħħa bil-ħsieb li tkun assigurata l-kwalità u s-sigurtà tagħhom, li jirrakkomanda l-istandards li għandhom jintlaħqu minn dawk li joffru servizzi tas-saħħa u li jagħti pariri lill-Ministru dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw is-saħħa pubblika.*

> *(2) Il-Kap ta' dan id-Dipartiment għandu jkun is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.*

*Jirriżulta wkoll li minn eżami anke prima facie tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta, Att Dwar is-Saħħa Pubblika, Artiklu 4 - Funzjonijiet u Poteri tas-Suprintendent:*

> *'Is-Suprintendent huwa responsabbli għas-saħħa pubblika f'Malta u għandu:*
>
> *(a) jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu jiġu mħarsa;*
> *(b) jiżviluppa u jimplimenta strateġiji biex jippromwovi u jtejjeb is-saħħa pubblika;*
> *(c) joħroġ standards għas-saħħa pubblika;*
> *(d) jagħti pariri lill-Ministru fuq affarijiet li jirrigwardaw is-saħħa pubblika b'mod ġenerali u fuq affarijiet li jirrigwardaw dan l-Att b'mod partikolari;*
> *(e) jaqdi kull funzjoni oħra lilu mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra; u*
> *(f) jagħmel kull ħaġa oħra li tista' tkun meħtieġa jew li twassal għat-twettiq aħjar tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet lilu mogħtija b'dan l-Att.'*

*Il-kap tad-Dipartiment tas-Saħħa huwa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u dan ex officio Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. It-Tabib Prinċipali tal-Gvern hu konsulent Prinċipali tal-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x`taqsam mas-saħħa pubblika jew li għandha x`taqsam jew tkun konnessa mas-servizz tas-saħħa. Għalkemm fil-Att Dwar is-Saħħa hemm indikat illi t-Tabib Prinċipali tal-Gvern bħala l-kap tad-Dipartiment tas-Saħħa u l-konsulent Prinċipali tal-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x`taqsam mas-servizz tas-saħħa. L-Att Dwar is-Saħħa ma jispeċifikax illi fi proċeduri ġudizzjarji, huwa proprju t-Tabib Prinċipali tal-Gvern li għandu jiġi mħarrek ad esklużjoni ta` persuni oħra.*

*Għalhekk, għalkemm it-Tabib Ewlieni huwa l-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti bħala Tabib Prinċipali tal-Gvern fil-kapacità tiegħu bħala Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, u għalhekk is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika kif delineat fil-paragrafi preċendenti, jirriżulta li għandu jkun proprju dan is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika l-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, għaliex xogħlu jinkludi l-mansjoni espressament delineata fil-liġi li hu li għandu r-responsabbilita' li jieħu ħsieb it-tmexxija in ġenerali tal-istess Sptar minn jum għal jum.*

*L-Art 181B(1) tal-Kap 12 huwa ċar fis-sens illi jistabilixxi li fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji, il-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni. Ir-rappreżentant tal-Isptar Mater Dei huwa is-Suprintendent Sptar Mater Dei li skond il-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta, Att Dwar is-Saħħa Pubblika, jgħid "Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u fil-qies ta' kull delega jew awtorità mogħtija tinkludi uffiċjal awtorizzat. Għalhekk is-Suprintendent Sptar Mater Dei huwa delegat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u għalhekk dawn huwa wkoll għandu jkun il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, stante li l-allegati inċidenti seħħu proprju fl-Isptar Mater Dei. Kif ġia' ġie spjegat, għalkemm fil-Att Dwar is-Saħħa hemm indikat illi t-Tabib Prinċipali tal-Gvern bħala l-kap tad-Dipartiment tas-Saħħa u*

*l-konsulent Prinċipali tal-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x`taqsam mas-servizz tas-saħħa, l-Att Dwar is-Saħħa ma jispeċifikax illi fi proċeduri ġudizzjarji, huwa proprju t-Tabib Prinċipali tal-Gvern li għandu jiġi mħarrek ad esklużjoni ta` persuni oħra.*

*Għalhekk qed jitqies illi kienu korretti r-rikorrenti meta ġie ntavolat ir-rikors ġuramentat, u ħarrku lis-Suprintendent ta` l-Isptar Mater Dei u lis-Suprintendent Saħħa Pubblika.*

***2. It-tieni eċċezzjoni tal-intimati jirrelevaw is-segwenti:***

*(i) Locus standi tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern; u*

*(ii) Li dan l-intimat jirrispondi biss għal culpa in vigilando u culpa in eligendo, li lanqas biss huma allegati mir-rikorrenti.*

*(i) Fir-rigward għal 'permess it-Tabib Ewlieni tal-Gvern lanqas ma għandu locus standi f'dawn il-proċeduri stante li l-lanjanza tar-rikorrenti hija rigward kura medika mogħtija lil Dorianne Stanicic liema kura medika ma ngħatatx minn dan l-intimat iżda mit-tobba professjonisti, jingħad illi dan mhux korrett għaliex kif ġia` ġie spjegat aktar il-fuq, it-Tabib Ewlieni huwa wkoll il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti għaliex huwa qed jaġixxi bħala Tabib Prinċipali tal-Gvern, mhux personali imma fil-vesti ta' tali kariga.*

*(ii) Lanqas ma hu minnu li l-intimat jirrispondi biss għal culpa in vigilando u culpa in eligendo, li lanqas biss huma allegati mir-rikorrenti. Meta r-rikorrenti intavolaw kawża għad-danni kontra l-intimati huwa proprju dan l-ispirtu fil-litigu ċioe' li minn jipprovdi servizz u jħaddem impjegat/a huwa responsabbli għalih u dak li jagħmel. Se mai aktar minn culpa in vigilando stante il-fatt li dawn huma tobba professjonisti b'degree minn universita' u b'warrant, hija kwistjoni ta' culpa in eligendo.*

*Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll.*

***3. It-tielet eċċezzjoni tar-rikorrenti - Il-locus standi tar-rikorrenti Jurgen Stanicic.***

*L-intimati ressqu l-eċċezzjoni li Jurgen Stanicic ma għandux locus standi għaliex il-kura ingħatat lil Dorianne Stanicic.*

*Il-kawża tal-lum hija mpostata mir-rikorrenti bħala miżżewġin u bħala komponenti ta` familja. Il-konjugi Stanicic qegħdin it-tnejn jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas ta` danni li ġarrbu anke għaliex jikkontendu illi d-dritt tagħhom li jiffurmaw familja skont id-deċiżjonijiet u l-għażliet tagħhom kien serjament ippreġudikat.*

*Għalkemm huwa minnu li parti mid-danni huma danni li allegatament soffriet Dorianne Stanicic fuq il-persuna tagħha u għalhekk huma d-danni ta' materja personali u parafernali u dan kif jingħad fis-sentenza* ***Onor. Carmen Sant vs Dr. Enrico sive Harry Vassallo, LL.D. u Carmel Hili, Editur u Stampatur, rispettivament tal-gurnal 'L-Alternattiva'*** *Ċitaz. Nur. 131/90 JSP PA Onor. Dr Joseph Said Pullicino, fejn issir referenza li danni huma ta' materja personali u*

*parafernali u "ma tistax titqies bħala ammont li l-mara "takkwista bix-xogħol jew bil-ħila tagħha…… [H]u għalhekk ċar li l-ammont tal-volta likwidat favur ir-rikorrenti, ikun patrimonju parafernali tagħha u dana biss meta jiġi hekk likwidat".*

*Pero' hemm ukoll:*

*(a) danni tal-allegat mewt tat-tarbija u l-ġenituri qua il-werrieta tal-istess tarbija u dan minħabba li meta f'każ ta' mewt ir-rikorrenti qraba tal-allegata vittma (f'dan il-każ il-ġenituri) jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi. Il-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut. B'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens. Xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta' jiġri fil-ġejjieni.*

*U*

*(b) spejjeż involuti fl-intavolar tar-rikors ġuramentat li skond l-artikolu 1322 (2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta` Malta jgħid: "Il-jedd li jitwettqu l-atti ta` amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li xi wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien." Illi m`hemm l-ebda dubju li tiftaħ kawża huwa att straordinarju, anki għaliex kwalunkwe spejjeż involuti ser jinħarġu mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt fil-kawża* ***Alfred u Alice Brown konjugi vs Mifsud John****, Ċitazzjoni Numru. 134/2001/1 PA Deċiża 3 ta' Marzu 2005, Onor. Imħallef Tonio Mallia, il-Qorti qalet:*

> *"M'hemmx dubju li qabel l-1993, ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-komunjoni tal-akkwisti kienet vestita f'idejn ir-raġel biss, li waħdu seta' jaġixxi u jiddisponi mill-assi tal-komunjoni kważi bla xkiel. Bl-Att XXI tal-1993, li emenda l-Kodiċi Ċivili, il-posizzjoni inbidlet u r-rappreżentanza tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet afdata fil-koppja miżżewġa. Il-liġi, pero', daħlet distinzjoni bejn l-amministrazzjoni ordinarja u l-amministrazzjoni straordinarja tal-istess akkwisti. L-artikolu 1322(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa. Minn naħa l-oħra, l-artikolu 1332(2) jipprovdi li l-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.*

*L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja huma elenkati tassittivament u esklussivament fis-subartikolu (3) tal-artikolu 1322. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża*

*"**Elmo Insurance Services Ltd vs Pace**", deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2003, huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3)(a) sa (m) li għandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u, għalhekk, għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Issa, fost l-atti elenkati fl-indikati sub paragrafi ma nsibux il-ħlas tal-kera ta' fond li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, jew azzjonijiet ta' żgumbrament minn tali fond. Skond is-subparagrafu (g) huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja l-akkwist ta' xi jedd ta' tgawdija ta' proprjeta' immobbli meta l-prezz tiegħu ma jkunx moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u meta l-kirja ma tkunx għal żmien qasir. Darba, pero', sar l-akkwist, l-atti relttati mat-tgawdija tal-immobbli ma jitqisux atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Darba sar l-akkwist, l-effetti tiegħu, bħal, per eżempju, il-ħlas tal-kera, it-tiswija tal-fond, l-ameljoramenti li jsiru fil-fond, u affarijiet oħra marbuta mat-tgawdija tal-fond, ma ġewx elenkati bħala atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u kwindi, huma atti ta' amministrazzjoni ordinarja li jmissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa."*

*Dak li ngħad fis-sentenza appena ċitata jgħodd għall-każ odjern. Kwindi għall-dawn ir-raġunijiet spjegati fil-paragrafi preċedenti, ir-rikorrenti, Jurgen Stanicic, għandu locus standi fil-kawża odjerna. Inoltre` l-inklużjoni ta` Jurgen Stanicic fil-proċedura odjerna tassigura l-integrita` tal-ġudizzju.*

*<u>Għall-dawn ir-raġunijiet l-esponenti ma taqbilx mat-teżi tal-intimati u għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni li Jurgen Stanicic ma għandu l-ebda locus standi f'dawn il-proċeduri stante' illi l-kura u s-servizzi tas-Saħħa kollha ngħataw lil Dorianne Stanicic. Għalhekk jeżisti l-vinkolu bejn dan ir-rikorrent u xi ħadd mill-intimati.</u>*

***4. Ir-raba'eċċezzjoni tal-intimati - l-irritwalita' tar-rikors promotur stante' li ebda' indikażzjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti u dana b'detriment ċar u manifest għall-intimati stante' illi ma humiex fil-pożizzjoni illi jiddefendu ruħhom b'mod xieraq sew u għalhekk huma f' pożizzjoni żvantaġġjata.***

*Illi huwa irrelevanti jekk hemmx kwantifikazzjoni ta' danni fir-rikors promotur jew le għas-segwenti raġunijiet:*

*i. l-intimati qatt ma talbu kwantifikazzjoni tad-danni u/jew spejjeż;*
*ii. kienu diġa' saru trattativi bejn il-partijiet biex jitransiġu, liema perkors falla;*
*iii. anke jekk wieħed ikollu dettalji ta' kwantifikazzjoni ta' danni u/jew spejjeż mhux bil-fors dawn jiġu akkordati kif mitluba;*
*iv. il-qrati dejjem għandhom id-diskrezzjoni tagħhom – arbitro boni viri, u wara l-emmendi fil-Kodiċi Ċivili ta' Malta bl- ATT Nru XIII tal-2018, speċifikament l-artikolu 1045, il-qrati għandhom anke l-jedd li jagħtu kumpens anki "fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara";*
*v. fil-kuntest ta' dawn il-prinċipji huwa ċar li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-proċess sħiħ.*

*L-esponenti hija tal-fehma li m'hemmx dubju li l-intimati kienu ben konsapevoli mil-linji difensjonali li kienu qegħdin jibbażaw fuqhom ir-rikorrenti fil-kawża odjerna u l-eċċezzjoni reklamata mill-intimati ma kellhiex effett fuq ir-rekwiżit ta'*

*smigħ xieraq, liema rekwiżit għandu jiġi analiżżat fil-kuntest ta' 'the proceedings as a whole'.*

*Din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta fid-dawl tar-raġunijiet delineati.*

***B. Il-Mertu***

*L-eċċezzjoni numru sitta ser tiġi trattata qabel l-eċċezzjoni numru ħamsa f'din l-ordni:*

***5. Is-sitt eċċezzjoni tal-intimati tirrigwarda l-allegazzjoni illi l-garża ġiet prodotta mir-rikorrenti minn jeddhom fit-tentattiv tagħhom illi jkunu kredibbli fl-allegazzjoni vantati minnhom.***

*L-esponenti tinnota li a fol. 356 tal-proċess, speċifikament Dok. DSX li jirreferi għall-Complaint and Investigation letter/reply dd 6/04/2012 from Customer Care Unit to Mr Stanicic, insibu proprju dan miktub:*

> "From the evidence collected the peer review concluded that indeed a swab had been inadvertently left in Ms Stanicic vagina during the episiotomy. Although this is considered as a minor mishap please accept our heartfelt apologies for the discomfort that this may have caused to your wife. Since it appears that the procedure was interrupted half way to be handed over to a more senior peron it was not possible to identify with precision the stage when the swab had been inserted in Ms Stanicic vagina and unfortunately left there."

*Għalhekk, bħala punto di partenza wieħed jikkostata li sar definittivament żball li tħalliet il-garża fil-persuna tar-rikorrenti. Dan l-iżball sar magħruf meta, din il-garża ħarġet mill-parti tagħha wara perijodu konsiderevoli. Jingħad ukoll li ma nġabet ebda' prova kuntrarja ta' dak li qalu r-rikorrenti għall-mod ta' kif aġixxiet it-tabiba li assistiet lir-rikorrenti biex tħejt il-punti.*

*L-ittra tkompli tgħid li ma jistax jiġi stabbilit min ħalla din il-garża meta saru l-punti fil-parti privata tar-rikorrenti. Mela hawn joħroġ in-nuqqas ta' accountability. Dan juri wkoll in-nuqqas ta' inter quality control bejn l-istaff apparti li l-istandard of practice karrenti riskontrata.*

*Anqas jista' jiġi stabbilit jekk l-iżball setgħax jiġi ikkoreġut fi stadju aktar kmieni minħabba li l-rikorrenti ġiet assistita mit-tabib mediku tal-familja, Dr. Darryl Xuereb li xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2015, a fol. 340-341 tal-proċess, li stqarr li hu kien ikkura għar-riħa biss. L-esponenti tinnota li lanqas dan ma ikkonduċa eżami akkurat tar-rikorrenti. Huwa ta proċedura komuni li l-pazjent jiġi invistat 'hands on' u mhux jingħata l-kura 'from a distance'.*

*Addizzjonalment, dan jista' jerġa' jiġi kkonfermat mix-xhieda prodotti mill-intimati stess:*

*Meta Dott. Josette Sultana staqsiet in eżami lil Profs Yves Muscat Baron hekk :*

> *Dott. Josette Sultana: B'din is-swab wieħed jista` jgħix ħajja normali?*

*Prof. Yves Muscat Baron: Din terħi riħa offensiva wara ftit ġranet pero` il-ġisem ineħħiha waħdu mingħajr ebda intervent kirurġiku u bla kumplikazzjonijiet. Fil-fatt wara din it-tqala il-pazjenta kienet reġgħet ħarġet tqila fl-2012 ċioe' sena wara u kellha tarbija oħra b'saħħitha.*

*In Kontro-eżami meta Dott. Joseph Brincat staqsih hekk :*

*Dott. Joseph Brincat: Ngħid sew li inti kont kellimt lill-ġenituri wara l-mewt tat-tarbija?*

*Prof. Yves Muscat Baron: Iva. Huwa prassi li meta l-omm tkun tilfet tarbija, l-ispeċjalista jkellem lill-omm. U kienet inqalgħet kumplikażzjoni oħra li wara li saru l-punti lill-omm tħalliet garża fil-parti tagħha.*

*U*

*Dott. Joseph Brincat:Tiftakar xi kliem kont għidtilhom?*

*Prof. Yves Muscat Baron: Jien il-prassi tiegħi hija l-ewwel nett li nuri empatija mal-ġenituri u li nispjega li huwa li l-baby huwa qisu 'diver' bomblu tal-ossiġnu wieħed u jekk il-bomblu ta' l-ossiġnu ma' jaħdimx – 'deep sea diver.'*

***<u>Li ġara kien li waqt li wara l-ħlas saru l-punti, tħalliet garża fil-parti tagħha. Skużajt ruħi għas-servizz ta' li ġara għax kompliet mat-trawma.</u>*** *(emfażi u sottolinear miżjuda mill-esponenti)*

*Pero' jista' jiġi kkonfermat li ma saritx ħsara fiżika permanenti fuq ir-rikorrenti, stante l-fatt li hija kellha tarbija oħra wara din it-trawma.*

*Fid-dawl ta' dan, il-prova rikjesta hija milħuqa, prova oltre dik rikjesta mill-kamp Ċivili stante l-fatt li l-Isptar Mater Dei qed jammetti u jaċċetta r-responsabbilita' li tħalliet garża fil-parti privata ta' Dorianne Stanicic. Mhux raġuni valida li wieħed jirreferi għal dan l-inċident bħala 'minor' għaliex ir-rikorrenti kellha tiġi somministrata diversi antibiotiċi, mediċini għalxejn, apparti l-inkonvenjenza tal-irwejjaħ u d-dwejjaq u l-ansjeta' li żiedu ma' dak li kienet għaddejja.*

*<u>Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tħoss li din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.</u>*

***6. Il-ħames eċċezzjoni tal-intimati - Il-kura u l-attenzjoni kollha mogħtija lir-rikorrenti kienet secundem artem u għalhekk kwalsiasi allegazzjoni pretensjoni għad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;***

***<u>i. L-inċident tal-garża</u>***

*Fid-dawl ta' dak delineat fil-paragrafi preċedenti li jirrigwardjaw l-inċident tal-garża, l-esponenti tħoss din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' għar-raġunijiet ġia` spjegati aktar il-fuq.*

***<u>ii. Il-mewt tat-tarbija fil-ġuf</u>***

*Fl-ewwel lok mhux kontestat il-fatt li Dorianne Stanicic kellha kumplikazzjonijiet fit-taqla preċedenti u tlett korrimenti diversament minn din it-tqala kontestata fil-każ odjern. Anqas ma hu kontestat li l-Isptar Mater Dei kien immarka l-file tagħha bi stilla ħamra li titpoġġa speċifikament b'iskop li minn jeżamina jew jassisti l-pazjent ikun tenut li jagħtih attenzjoni speċjali.*

*Meta Dorianne Stanicic marret għal-vista fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011), fid-Dipartiment tal-Out-Patients tal-ġinekoloġija hi ġiet invistata minn Dr. Montanaro Gauci, li ma kinetx fit-team mediku ta' Prof Yves Muscat Baron. Dr. Montanaro Gauci eżaminat lil Dorianne Stanicic billi eżaminat lir-rikorrenti u ħasset li t-tarbija kienet f'posizzjoni tajba u l-qalb kienet qed tħabbat normali. Bil-permess tar-rikorrenti, it-tabiba invistata vaġinalment u għamlitilha membrane sweep wara li qalitha li kienet miftuħa "2" u qaltilha biex tmur id-dar. Hawnhekk hawn diverġenza fejn ir-rikorrenti qed tallega li ma ntuża ebda' apparat u t-tabiba li qed tgħid il-kontra, pero' għal kumplament jidher li hemm qbil bejn l-affidavit tar-rikorrenti, Dok DS a fol. 25 sa 28 tal-proċess ippreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2014 u x-xhieda ta' Dr Montanaro Gauci tas-seduti peritali tad-19 ta` Frar, 2016 u tat-30 ta` Jannar, 2018. Fost ix-xhieda in kontro-eżami ta' Dr Montanaro Gauci, l-esponenti tinnota is-segwenti:*

> *"L-għonq tal-utru kien beda jipprepara għall-ħlas u jinfetaħ ftit. Kien miftuħ bejn 1-2cm. Bil-kunsens tal-mara (ċioe' tal-pazjenta) għamilt 'membrane sweep'. Il-'membrane sweep' hija proċedura naturali li tgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas."*

*Kienet propju hawn li nxteħet dawl fuq il-każ tal-mewt tat-tarbija. Fl-ewwel lok tqajjem il-punt jekk ir-rikorrenti kinetx miftuħa "2" jew anqas jew li ma kinetx miftuħa. Dr Montanaro Gauci fis-seduta peritali tgħid hekk:*

> *Dott. Joseph Brincat: Inti rajt in-notamenti u x'kien sar wara. Irriżultalek illi tabib ieħor wara kellhom jagħmlulha l-gel biex tinfetaħ għax lanqas kienet miftuħa one?*
>
> *Dr. Michelle Montanaro Gauci: Ifhem dawn il-findings ta' examinations huma suġġettivi. Igifieri ma hemmx xi golden standard. Dak li jkun jeżamina b'subajh u jifforma opinjoni li tista' tkun naqra differenti minn tabib ieħor. Pero', jiena kelli ħafna ezperjenza fil-ġinekoloġija u naħseb li dak li hemm kienu l-findings tiegħi, u mhix bil-fors ser jaqblu miegħek dawk ta' tabib ieħor li jkun eżamina, għaliex .....huma kemm kemm suġġettivi, kbir daqsekk jew miftuħ daqsekk, id-daqs tas-sebgħa. Tiegħi tnejn huma daqs sebgħa wieħed ta' tabib ieħor. M'hemmx xi kejl eżatt. Tifhem x'qed nipprova ngħid?*
>
> *Dott. Joseph Brincat: Meta inti, skond l-esperjenza tiegħek kont ikkalkulajtha miftuħa two, qed ngħidlek sew illi allura li childbirth was near? Ser jibda' bi ftuħ normali?*
>
> *Dr. Michelle Montanaro Gauci: Ma tistax tgħid li childbirth was near. Emm għax ……veru aktar ma jkun miftuħ l-għonq ta' l-utru iktar ikun hemm illi tibda' fil-ħlas hi, imma hemm ħafna frikorrenti oħra bħal pereżempju t-tul tal-għonq tal-utru, il-konsistenza, il-position tal-għonq tal-utru…… u mhux*

*kemm ikun miftuħ biss. Hemm dawn l-elementi oħra wkoll. Igifieri wieħed irid jara affarijiet oħra bħala tul, konsistenza u position.*

*Dott. Joseph Brincat: Tiftakar illi inti bgħattha biex tkompli waħidha, biex tkompli waħdek…?*

*Dr. Michelle Montanaro Gauci: Ma niftakarx x'għidtilha, I'll be honest. Dak kien il-pjan …..waqt il-vista li …..iġifieri diġa' kien hemm deċiżjoni qabel miktub kif kien ippjanat kif kienet ser teħles. Kienu rawha t-tobba tagħha, għaliex jien kont qiegħda just ngħin lit-tobba tagħha dak in-nhar. Iġifieri diġa' kien hemm pjan bil-miktub li ħa teħles vaginal birth after ceaserian (VBAC) iġifieri 'V', 'B', 'A', 'C' , VBAC - vaginal birth after ceaserian. Igifieri kienet ħaġa illi kienu ftehmuha mat-team tat-tobba tagħha. Jiena meta rajtha, kienet lejn l-aħħar, mhux fl-aħħar nett tat-tqala, ridt nikkonferma dak li kien hemm fil-fajl. Il-card. Għalhekk eżaminajta. Biex nara, you know, l-ideja ta', anke kif il-pelvis tagħha, l-għadam speċi wiesgħa biżżejjed biex ikun hemm ċans tajjeb ta' ħlas naturali. Għamilt assessment tiegħi u iva stajna nkomplu b'dak il-pjan ġia' miktub fil-fajl. We aim għall-ħlas normali, m'hemmx garanzija li l-pjan jirnexxi, but the aim was ħlas normali u għall-ħlas minn isfel mhux ċesarja. U naħseb illi at this point meta bdejna mill-vista kollha qbilna li ħa nagħmlu hekk. Għax kieku kont nikteb. Nimmaġina għax kieku kont nikteb mod ieħor fil-file. Imma kien hemm qbil. Dak kien il-pjan tant ma kienx hemm l-ebda' problema fit-tqala.*

*Dott. Joseph Brincat: Meta tgħid qbilna, ftehmna. Dik inhar li eżaminajtha il-head tal-grupp kont inti jew kien xi ħaddieħor?*

*Dr. Michelle Montanaro Gauci: Le, Le. Ma kontx jien….. nassisti l-klinik ta' team ta' tobba oħra. I mean ma …..għax hi kienet taħt Prof Muscat Baron u jien ma kontx ma' team tiegħu. Igifieri kont extra, għax probabbli xi ħadd ma kienx preżenti.*

*L-esponenti tħoss li is-segwenti fatti għandhom jiġi estratti:*

i. *Dr Montanaro Gauci semmiet li r-rikorrenti kienet miftuħa 1-2cm pero' tgħid li dan il-kalkolu huwa suġġettiv għaliex is-swaba ta' min qed jeżamina l-pazjent ivarjaw fil-ħxuna. Għandu jkun paċifiku li s-sistema metrika mhix soġġetiva għaliex ċentimetru huwa ċentimetru.*

ii. *Hija tgħid li 'L-għonq tal-utru kien beda jipprepara għall-ħlas u jinfetaħ ftit pero' in konto eżami tgħid li ma tiftakarx u li 'Ma tistax tgħid li childbirth was near.'*

iii. *Pero' xorta saret 'membrane sweep' fuq ir-rikorrenti li għalkemm fix-xhieda ta' Dr. Montanaro Gauci insibu li din tgħid hekk 'Dak kien il-pjan. Tant ma kienx hemm l-ebda' problema fit-tqala' (għall-kuntrarju ta' dak li hemm fir-risposta u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati), stante l-fatt li kienet taf li r-rikorrenti kellha stilla ħamra fil-file mediku tagħha;*

iv. *Dr Montanaro Gauci spjegat hekk "Il-'membrane sweep' hija proċedura naturali li tgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas;"*

v. *F'ebda' stadju ma ngħad li ġie spjegat lir-rikorrenti li din il-proċedura kienet 'a natural induction' u għalhekk seta' jibda l-ħlas;*

vi. *Huwa minnu li Dorianne Stanicic kellha kumplikazzjonijiet qabel din it-tqala, pero' kif qed jiġi kkonfermat mit-tabiba stess fit-tqala in kwistjoni r-rikorrenti ma kellhiex problemi, iżda kellha stilla ħamra fil-file li tindika li trid tingħata attenzjoni speċjali. Għalhekk waqt li hu minnu li Dorianne Stanicic kellha twelled b'mod naturali, hija kellha tinżamm l-isptar għaliex bil-membrane sweep hija ġiet 'induced' u ma kinetx miftuħa biżżejjed. Riżultanti ta' dan, it-tarbija sabet ruħha f'diffikulta' u fgat f'ġuf ommha;*

*Fil-fatt it-tarbija mietet xi jumejn wara li sar l-intervent tal-membrane sweep għaliex fl-awtopsja ġie ikkonfermat li kellha 'early maceration'. Dan ġie ikkonfermat ukoll minn Profs. Muscat Baron li jgħid "Skond l-eżami tat-tarbija kien hemm sinjali ta` early maceration li jindika li t-tarbija kienet mejta mill-anqas jumejn. Jista` jagħti l-każ li l-omm ma kenitx indunat mill-ewwel li t-tarbija kienet f'diffikulta'."*

*Għalhekk wieħed jista' jiddeduċi li l-mewt traġika tat-tarbija f'ġuf ommha ma kenitx riżultanza ta' mewt naturali iżda minħabba nuqqas ta' intervent f'waqtu u min minn kien effettivament responsabbli tal-kura tar-rikorrenti Dorianne.*

*Ħareġ ċar li għalkemm il-professjonista involuta fl-aħħar vista applikat l-'standard practice procedures' mar-rikorrenti, kien hemm nuqqas ta' linja gwida/proċedura minn naħa tagħha għaliex l-istandard practice li kellha tiġi applikata mar-rikorrenti ma kenitx dik li tiġi applikata man-norma tal-pazjenti.*

*Fis-sentenza ċitata mill-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fl-ismijiet* **Dunne -vs- National Maternity Hospital & Dr. Jackson** *[1989] deċiża ġewwa l-Irlanda, intqal is-segwenti f'dan ir-rigward:*

> *"if a medical practitioner charged with negligence defends his conduct by establishing that <u>he followed a practice which was general, and which was approved of by his colleagues of similar specialisation and skill</u>, he cannot escape liability if in reply the plaintiff establishes that such practice <u>has inherent defects which ought to be obvious to any person giving the matter due consideration</u>" (sottolinear mill-esponenti)*

*Dan juri biċ-ċar li mhux biżżejjed li wieħed jiddefendi ruħu billi jirriklama li dak li għamel ikun biss "<u>a practice which was general</u>, <u>and which was approved of by his colleagues of similar specialisation and skill</u>" għaliex l-istess sentenza tkompli tgħid li "he cannot escape liability if in reply the plaintiff establishes that such practice <u>has inherent defects which ought to be obvious to any person giving the matter due consideration</u>".*

*Illi f'dan il-każ l-"inherent defects" fuq riferiti kienu sottolineati bl-aktar mod pależi fuq il-file tar-rikorrenti Dorianne Stanicic permezz ta' stilla ħamra fuq il-kopertina tiegħu. Għalhekk anke għall-amministrazzjoni tal-isptar u għal kull min juża l-istess file dan kien ifisser li l-imsemmija Dorianne Stanicic kienet 'a special case'.*

*Wieħed irid jgħid ukoll li l-professjonista li nvistat lir-rikorrenti ma kenitx fuq it-team ta' Profs. Muscat Baron, u l-esponenti tifhem li din il-professjonista daħlet fi stadju kruċjali meta ma kenitx għexet il-każ tar-rikorrenti. Dan qed jingħad għaliex l-esponenti temmen li anke hawn jirriżulta li kien hemm nuqqas ta' accountability fl-operat u fit-tmexxija tat-team mediku fl-isptar għaliex jirriżulta wkoll li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-staff across the board. Illi jiġi rilevat li meta jintbagħat tabib kuranti f'każijiet speċjali bħal dan, għandu kemm jista' jkun jiġi aċċertat li t-tabib li jintbagħat għandu jkun wieħed li kien fuq it-team mediku ġia` intiż fuq il-każ.*

*L-intimati fin-nota ta' sottomissjonijet ikkwotaw il-"Clinical Summary" a fol. 211 tal-proċess li tgħid hekk:*

> *"The mother is a 25 year old woman with a history of three previous miscarriages occuring within the first trimester. She is a known double heterozygote for the MTHFR gene mutation and was taking aspirin and clexane throughout the pregnancy. She was admitted to hospital with a diagnosis of intra-uterine death following no foetal movements and the absence of foetal heart movement on ultrasound. Delivery was induced. Consent for full post mortem examination was signed by the mother and the father." [Rapport tal-awtopsja fol. 211];*

*Dan l-estratt huwa l-intoduzzjoni tar-rapport tal-awtopsja a fol. 211 tal-proċess u mhux il-"cause of death" tat-tarbija. Huwa minnu li Dorianne Stanicic kellha "double heterozygote for the MTHFR gene mutation" pero' r-rapport ikompli jgħid "and was taking aspirin and clexane throughout the pregnancy." Dan ifisser li Dorianne Stanicic kienet diġa' diajożata bl-MTHFR fl-2007 ara fol. 179 tal-proċess u preskritta "asprin and clexane" ara fol. 211 tal-proċess. Dan ifisser li l-isptar kien ben infurmat bil-kundizzjoni tar-rikorrenti u kellu jieħu l-miżuri neċessarji ta' standard practice rakommandati għall-pazjenta b'din il-kundizzjoni.*

*Fid-dawl ta' dan, sabiex tali nuqqas ma jirrepetix ruħu, fil-waqt issir gwida għal-ħlas futuri qed jiġi ssuġġerit li kull pazjenta għandha tiġi infurmata bl-effetti u bir-riperkussjonijiet tal-'membrane sweep' u jkun hemm komunikazzjoni li tinftiehem bejn il-professjonisti bejniethom u mal-pazjenti. Huwa rrelevanti jekk Dorianne Stanicic attendietx antenatal classes jew le. Dan l-inċident huwa marbut strettament mal-modus operandi ta' kif professjonista jikkomunika mal-pazjent u mal-kollegi l-oħra u ma 'standard practice' għal dawn it-tip ta' każijiet (special cases) Kieku Dorianne Stanicic inżammet l-isptar meta ġiet induced, hija kienet tista' tingħata kura u attenzjoni aħjar u ssalva lill-bintha, Kelise, minn mewt traġika.*

*In-nuqqasijiet għalhekk huma:*

i. *Ir-rikorrenti ġiet assistita minn staff mhux parti formanti mit-team mediku li kien jieħu ħsiebha u għalhekk ma kenitx infurmata biżżejjed bil-kundizzjonijiet riskontrati f'Dorianne Stanicic;*

ii. *Saret membrane sweep meta r-rikorrenti ma kenitx miftuħa biżżejjed u ntbgħatet id-dar meta din kellha stilla ħamra fuq il-file biex tingħata attenzjoni partikolari;*

iii. *Ma kienx hemm kommunikazzjoni bejn il-professjonista li għamlet il-membrane sweep u mal-pazjenta biex tispjegalha l-riperkussjonijiet kollha u jittieħdu l-miżuri neċessarji f'ċirkostanzi ta' din in-natura u ċioe' ta' mara li kellha komplikazzjonijiet preċedenti waqt it-tqala.*

***7. Is-sebgha eċċezzjoni tal-intimati - ħadd mir-rikorrenti ma jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrenti stante' illi kwalsiasi dannu allegat ma ġrawx tort ta' xi nuqqas imputabbli lill-imsemmija intimat;***

*L-esponent tinnota li din l-eċċezzjoni kellha tiġi ndikata bħala intimat jew intimati u mhux rikorrenti u ċioe` kellha tinqara hekk: "[ħ]add mir-rikorrenti (reċte mill-intimati jew intimat) ma jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrenti…[…]."*

*Il-premess miġjub mill-intimati jkompli billi jgħid li "Dan l-intimat jirrispondi biss għal culpa in vigilando u culpa in eligendo, li lanqas biss ma huma allegati mir-rikorrenta":*

*Qed issir referenza għad-dispożizzjonijiet segwenti tal-Kap 16.*

*L-Art 1030 jaqra:-*

> *Kull min jagħmel użu ta` jedd tiegħu fil-qies illi jmiss ma jweġibx għall-ħsara illi tiġri b`dan l-użu.*

*L-Art 1031 jaqra:-*

> *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara illi tiġri bi ħtija tiegħu.*

*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li dak l-att iġib miegħu.*

*L-Art 1032 jaqra:-*

> *(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*
>
> *(2) Ħadd ma jwieġeb fin-nuqqas ta` dispożizzjoni espressa tal-Liġi, għall-ħsara illi tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.*

*Il-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala dik l-imġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta`*

*diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. Din id-disposizzjoni tikkorrispondi fil-kamp penali mal-Art 225 tal-Kap 9 li jitkellem dwar imġieba ġejja min-nuqqas ta` ħsieb, minn traskuraġni, jew min-nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni, jew min-nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti.*

*L-Art 1033 jaqra:-*

> *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb illi jagħmel deni, għax ikun irid jew b`nuqqas ta` diliġenza, ta` prudenza jew ta` ħsieb, jagħmel jew jonqos illi jagħmel xi ħaġa illi biha jikser xi dmir impost mil-Liġi, huwa obbligat għall-ħsara illi tiġri minħabba f`hekk.*

*Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti" (ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142).*

*Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - Kollez. Vol. XLII. I. 74).*

*Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibbilita` ta` l-event dannuż:*

> *"prevedibbilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (ara – Kollez. Vol. XLVIII. I. 258).*

*Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXIV. I. 172, illi tissussisti l-culpa:*

> *"quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*

*Imbagħad fir-rigward tal-culpa in eligendo, l-Art 1037 tal-Kap 16 jiddisponi illi :-*

> *"Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta` ħila, jew illi hu ma jkollux raġuni jaħseb li hija ta` ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba nuqqas ta` ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi."*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GV) tat-28 ta` Jannar 2002 fil-kawża "**Nicholas sive` Lino Debono vs Kummissarju tal-Pulizija et**" ingħad hekk dwar l-Art 1037 tal-Kap 16 :-*

> *"Biex jiġi nvokat dan l-artikolu ta` dak li l-Ingliżi jsejjħu `vicarious` liability`, il-liġi trid li jkun hemm :*
>
> *(1) ir-relazzjoni ta` employer/employee;*

> *(2) culpa in eligendo ;*
> *(3) l-att ta` l-impjegat li jikkawża danni lil terzi ; u*
> *(4) id-danni jkunu riżultat ta` l-inkompetenza ta` l-impjegat. Għall-fini ta` l-interpretazzjoni ta` dana l-artikolu hu biżżejjed li jiġi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta` ħila. Waħda mill-ipoteżijiet hija biżżejjed."*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Diċembru, 2002 fil-kawża "**Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et**" kienet trattata pretensjoni għal danni riżultanti minn allegat trattament ħażin li rċeviet r-rikorrenti waqt operazzjoni li saret fl-Isptar San Luqa. Inter alia ngħad hekk:-*

> *"... Illi għal dik li hija responsabbilta` tal-inċident de quo skond l-artikolu 1031 tal-Kap 16 jingħad li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". ("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi" - A.C. 3 ta` Diċembru 1991). Illi ai termini tal-artikolu 1032 tal-Kap 16 "jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza "Anthony Zerafa vs Joseph Sacco" (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) ingħad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta` attenzjoni tiegħu, b`negliġenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu jikkawża ħsara lill-ħaddieħor, għandu jirrispondi għal tali ħsara hekk ikkawżata, u dan jagħti lok kemm għall-azzjoni kriminali u kemm għall-azzjoni Ċivili".*
>
> *"Illi għal dak li tirrigwarda l-azzjoni Ċivili, din tirrisolvi ruħha f`kawża għal dikjarazzjoni tar-responsabbilta` u għall-ħlas tal-eventwali danni sofferti inklużi damnum emergens u lucrum cessans inkluż f`każ ta` diżabilità` permanenti dak stipulat fl-artikolu 1045".*

*Illi fl-opinjoni tal-esponenti u kif ġia' fuq espress tirriżulta bla ebda dubju responsabbilta` u negliġenza da parte tal-addetti kollha tal-istess sptar li kienu involuti fil-każ tar-rikorrenti.*

*Illi apparti dan kollu l-istess intimati ecċċeppew ukoll il-culpa in eligendo pero` dan il-kunċett ġie estiż fil-ġurisprudenza nostrali mhux biss għall-mument meta li stess persuna tiġi ngaġġata, iżda jfisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna oħra li tagħmel xi xogħol, tibqa` hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament ħadmet taħt inkarigu tagħha tkun għamlet ix-xogħol b`negliġenza u nuqqas ta` ħila skond id-dispożizzjonijiet fuq ċitati u l-artikolu 1037 tal-Kap 16.*

*Illi fi kliem ieħor japplika dak li ġie ritenut fis-sentenza **Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija** (A.C. (HH) l-1 ta` Marzu 1988) fejn ingħad li "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta` ħila jew illi ma jkollux ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba nuqqas ta` ħila tagħmel dannu lill ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz fuq imsemmi", b`dan li l-intimati għandhom jirrispondu għall-inkompetenza u negliġenza tal-addetti intimati w impjegati tagħhom, u għalhekk huma responsabbli wkoll għad-danni kawżati lill-rikorrenti. Tal-istess portata hija s-sentenza **Naudi vs Schembri** (A.K. 13 ta` Mejju 1991) u **John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); **Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello** (A.C. 28 ta`*

*Ġunju 2002) u* ***Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation*** *(P.A. (RCP) 30 ta` Mejju 2002. Ċitaz. Nru. 1480/95).*

*Illi l-konsegwenza ta` dan hija għalhekk li l-vittma tad-danni subiti tista` tfittex kemm lill-persuni li għamlu x-xogħol, jew ikkawżaw id-dannu realment bl-atti u bl-operat tagħhom, kif ukoll il-persuni li mpjegaw lill-istess addetti kollox skont id-disposizzjonijiet tal-artikoli 1032 sa 1038, b`dan li azzjoni kontra wieħed ma teskludiex lill-oħra, diment li l-istess vitma titħallas tad-danni fil-limiti biss ta` dak provdut fl-artikoli 1045 u 1046.*

*Fis-sentenza* ***Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut vs Chief Government Medical Officer, Dottor Frank Bartolo M.D. f'ismu proprju u bħala Supretendent tal-Isptar San Luqa*** *P.A. RCP Deċiża 12.12.2002 Ċitazzjoni Numru. 2804/1996/1, jingħad:*

> *"Illi l-istess intimati huma responsabbli mmaterjalment issirx l-identifikazzjoni tal-mediċi jew membri tal-istaff paramediku li kienu effettivament responsabbli għal dan il-"malpractice", u l-istess intimati għandhom jirrispondu kemm għall-aġir tagħhom u kemm għan-nuqqasijiet kawża ta` negliġenza, traskuraġni, inkompetenza u nuqqas ta` attenzjoni u debita kura li jiġu attwati mid-dipendenti tagħhom u għalhekk fl-isfond ta` dak fuq ċitat ma tistax tirnexxi d-difiża tagħhom u dan għar-raġunijiet fuq esposti u wkoll għaliex il-funzjoni tal-Chief Government Medical Officer ma tiqafx biss fl-għażla w l-ħatra tat-tobba u l-istaff mediku imma testendi wkoll għas-sorveljanza u l-amministrazzjoni ġornaljera tal-addetti tiegħu, u fejn dawn jonqsu hu għandu d-dover li jagħmel tajjeb għad-danni kaġjonati minnhom."*

*Fis-sentenza li tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-30 ta` Novembru 2010 fil-kawża "***Roberta Fenech Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et***" saret rassenja tal-ġurisprudenza dwar culpa in eligendo.*

> *"Illi hekk ukoll jinsab deċiż li "`kull min għal xi xogħol jew servizz iqabbad persuna mhux ta` ħila jew illi ma jkollux ħila, hu obbligat għall-ħsara li dik il-persuna, minħabba nuqqas ta` ħila tagħmel dannu lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz fuq imsemmi` b`dan li l-intimati għandhom jirrispondu għall-inkompetenza u negliġenza tal-addetti u mpjegati tagħhom, u għalhekk huma responsabbli wkoll għad-danni kawżati lill-rikorrenti [...]" ("Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et" Deċiża fit-12 ta` Diċembru 2002).*

*Illi wkoll fis-sentenza Deċiża fl-ismijiet* ***Yvonne Cassone vs Alfred Calamatta*** *(7 ta` Lulju 2004) il-Prim`Awla tal- Qorti Ċivili ikkonkludiet, f`każ ta` serq minn fuq il-post tax-xogħol li kien wassal għall-mewt ta` impjegat li:-*

> *"Responsabbli għal dan kollu primarjament huwa l-aggressur, pero`, dan ma ġiex imsejjaħ fil-kawża; għalkemm il-Pulizija ma kellhiex indizji konkreti dwar min kien l-aggressur, suspetti kien hemm u kieku ġew kjamati in kawża l-allegati persuni suspetti, din il-Qorti, forsi, fuq grad ta` probabbilta`, kienet tikkonkludi pożittivament dwar ir-responsabbiltà` tagħhom. L-aggressur, għalhekk, baqa` terz injot, u ebda parti mit-tort ma tista` tiġi*

> *addebitata lil xi ħadd li ma hux fil-kawża ("Fenech vs Gaud", Deċiża min din il-Qorti fil-21 ta` Frar 1994). Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Camilleri vs Cutajar", Deċiża fid-9 ta` Diċembru 1968, "Jekk l-intimat ma setax sejjaħ lil dan it-terz fil-kawża għax ma jafux, m`hu ebda tort tar-rikorrenti u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi ħadd għandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar ġust li jbati l-intimat li kellu zgur parti mill-ħtija, milli l-rikorrenti li qed jitolbu r-riparazzjoni għat-telf soffert minnhom"*
>
> *… ma kienx l-aġir tal-rikorrenti ritrattrata iżda l-aġir inkompetenti u mhux ta` ħila tal-impjegati tal-korporazzjoni u li allura l-istess korporazzjoni hija tenuta tirrispondi għalihom skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1073 tal-Kap. 16 u l-interpretazzjoni tal-istess artikolu (li fiha nfisha mhux suġġetta għar-ritrattazzjoni taħt dan il-kap) ġiet sopportata mill-ġurisprudenza hemm citata bis-sentenzi "Michael Balzan vs Lawrence Ciantar" (P.A. (DS) – 6 ta` Ottubru 2002) u "Emmanuel Sammut et vs. Chief Government Medical Officer et" (P.A. (RCP) – 12 ta` Diċembru 2002).*

*Fis-sentenza ta` (PA/DS) tas-6 ta` Diċembru 2002 fil-kawża "**Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe et**" (konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta` Frar 2006 għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà`) kien ravviżat li għalkemm fil-liġi tagħna, is-sid hu responsabbli għal culpa in eligendo pero` fl-interpretazzjoni tal-Art 1037 tal-Kap 16 il-ġurisprudenza reċenti hija fis-sens li għandha tkun determinata l-kawża u l-effett fis-sens illi jekk tirriżulta l-inkompetenza minħabba n-nuqqas tal-persuna imqabbda mis-sid, allura s-sid hu responsabbli għax ma setax jassumi l-kompetenza (ara : "Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" : Appell : 1.3.1988 : "Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija" : Prim Awla : 13.2.1987 : u "Naudi vs Schembri et noe" : Prim`Awla :13.5.1991). Dan premess, fil-każ tal-lum, mill-provi rriżulta ben evidenti illi intħalliet garża fil-parti privata tar-rikorrenti u l-mewt tat-tarbija kif ġia' ġie spjegat fil-paragrafi preċedenti, u dawn in-nuqqasijiet kellhom konsegwenzi serji ħafna u traġiċi.*

*Addizzjonalment għal dak li qed jintqal, wieħed issib dak li jissejjaħ Concurrent Responsibility. Jack Beatson jispjega biċ-ċar il-kunċett ta' Concurrent Responsibility taħt il-liġi Ingliża fejn jgħid li 'a negligent breach of contract may give rise to claims in both contract and tort.' B'dan il-kunċett ta' non-cumul ir-rikorrenti jkun jista ' jressaq talba fuq il-bażi l-iktar vantaġġuża għalih. Fir-Renju Unit, dan il-prinċipju ġie stabbilit fil-każ Henderson and others v Merrett Syndicates Ltd and others [1995] 2 AC 145 (HL).*

*F'Malta madankollu, il-pożizzjoni għadha fluwida. Hemm każijiet tal-qorti li jesprimu fehma favur li titlob danni kemm taħt talba kuntrattwali kif ukoll taħt tort, u oħrajn li jiddikjaraw li ladarba hemm relazzjoni kuntrattwali t-talba hija waħda kuntrattwali sic et simpliciter. Is-sentenzi Maltin ittrattaw il-kwistjoni ta' Concurrent Responsibility biss indirettament meta taw deċiżjonijiet dwar il-perjodu preskrittiv applikabbli jew dwar id-danni applikabbli.*

*Id-danni applikabbli taħt il-kuntratt u t-tort diġà ġew diskussi madankollu, fir-rigward tal-preskrizzjoni, azzjoni għal ħsara taħt tort hi preskritta bl-iskadenza ta' sentejn sakemm l-azzjoni ma tkunx ta' natura kriminali fejn ikunu japplikaw il-perjodi preskrittivi kriminali. Taħt kuntratt, azzjoni għal danni tkun preskritta mill-iskadenza ta' ħames snin.*

*Il-Qrati nostrani fil-kawża* **Mary Vassallo vs. Giovanni Mizzi**, *PA, Deċiża fid-9 April 1949, qalet "il-ħtija (culpa), meta tiġi kunsidrata fl-entita' ġuridika tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa akwiljana li titnissel minn delitt jew kważi-delitt". Dan il-prinċipju ġie użat ukoll fil-kawża Arthur George Lambert vs. Anthony Buttiġieg, Qorti Kummerċjali, Deċiża 18 April 1963, fejn il-Qorti ddikjarat li m'hemm xejn inkompatibbli bejn ir-responsabbiltà kuntrattwali u akwiljana u l-parti danneġġjata tista' tagħżel bejn iż-żewġ azzjonijiet.*

*Fil-każ ta'* **Dr Louis Cassar Pullicino vs. Angelo Xuereb**, *Qorti tal-Appell, Deċiża fl-20 ta' Frar, 2009, il-Qorti tidher li abbraċċjat il-prinċipju ta' non-cumul, u ċioe' li jekk hemm kuntratt pre-eżistenti, allura r-responsabbiltà għandha tiġi eżaminata fuq il-bażi tal-kuntratt. Dan ġie riaffermat fil-każ ta'* **Rose Gauci u żewġha Grezzju Gauci għal kull interess li jista' jkollu vs. Mr Donald Felice u martu Marina Felice għal kull interess li jista' jkollha fil-liġi**; *u b'digriet tal-25 ta' Ġunju 2001 ġiet imsejħa fil-kawża Olga Avramov, Appell Ċivili Numru. 1311/1999/1, deċiż -31 ta' Ottubru, 2008. F' din il-kawża il-Qorti riteniet li għalkemm ir-responsabbiltà tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa kienet ikkunsidrata li tinsab taħt tort, din il-Qorti kienet tal-opinjoni li r-relazzjoni bejn tabib u pazjent kienet relazzjoni kuntrattwali u għandha tiġi ttrattata bħala tali. Il-Qorti analizzat il-pożizzjoni f'ġurisdizzjonijiet oħra u barra minn hekk, għamlet diskussjoni dettaljata dwar meta għandu jitqies li t-tabib ikun aġixxa b'mod negliġenti.*

> *"Il-materja ta' responsabbilita` ta' professjonist mhux daqshekk żviluppata hawn Malta, u s-sitwazzjoni hi ftit fluwida peress li ma teżisti ebda liġi li b'mod partikolari tiddefinixxi l-grad ta' diliġenza li għandu jimmanifesta tabib. Hekk ukoll mhix daqshekk ċara jekk ir-responsabbiltà` ta' tabib taqax li tiġi kkunsidrata taħt aspett ta' kważi delitt jew kuntratt. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "Josephine Borg et. vs. Dr. Anthony Fiorini" Deċiża fit-18 ta' Lulju, 1994 il-bażi tar-responsabbiltà` ta' tabib ġiet eżaminata fil-kuntest ta' kważi delitt u saret referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil- kawża "Victor Savona v. Dr. Peter Asphar", fejn ukoll intqal li tabib ikun responsabbli għad-danni jekk, fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, ma jeżerċitax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' bonus pater familias.*
>
> *Jekk wieħed jeżamina l-pożizzjoni f'ċerti leġislazzjonijiet barranin, isib li fl-Ingilterra l-pożizzjoni stabbilita hija illi jekk pazjent qed jieħu kura taħt in-National Health Service, ir-responsabbiltà` tat-tabib hi regolata bil-liġi ta' kważi delitt, filwaqt li jekk il-pazjent iqabbad tabib privat, ir-relazzjoni ta' bejniethom tkun naxxenti minn kuntratt. Din id-distinzjoni ssir in vista tal-fatt li taħt in-N.H.S. il-pazjent ma jagħżilx hu lit-tabib, filwaqt li l-obbligu kuntrattwali tat-tabib hija lejn l-employer tiegħu, li f'dan il-każ ikun il-Gvern.*
>
> *Fl-Italja, minn naħa l-oħra, ir-relazzjoni bejn pazjent u tabib hi dejjem dik ta' kuntratt, u hu rraġunat illi malli tabib jieħu kura ta' pazjent taħt idejh jinħoloq kuntratt taċitu li in forza tiegħu jobbliga ruħu li jagħti servizz lill-pazjent skond l-aħjar ħila tal-professjoni tiegħu.*

*Għalkemm, kif ingħad, il-posizzjoni hawn Malta ġiet eżaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kważi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar loġiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tiġi eżaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jeħtieġ il-kunsens ta' żewġ partijiet, iżda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun taċitu, u anki impliċitu, basta tkun teżisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imħallas mill-Gvern biex ikun għas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoġġi l-bżonnijiet tiegħu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaċċetta li jagħti s-servizz tiegħu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tiegħu skond l-aħjar ħila tiegħu. Jista' jingħad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero` jekk hu hekk, l-għażla jkun għamilha meta mpjega ruħu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaċċjat b'każ li mhux tal-ħila tiegħu, għandu obbligu jgħaddi l-każ lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bħal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaċċetta li jikkura pazjent, jidħol f'relazzjoni diretta miegħu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal għall-ħlas tad-danni f'każ ta' inadempjenza.'*

*Minn evalwazzjoni tal-fatti sottomessi fil-premessi tar-rikors ġuramentat, jidher li kuntrarjament għal dak li kien eċċepit, ir-rikorrenti kellhom kull dritt li jippreżentaw azzjoni ta` din ix-xorta, sabiex f`każ li jiġi dikjarat li l-intimati jew min minnhom kienu responsabbli għall-iżball riferit fil-premessi u għall-konsegwenzi ta` dak l-iżball, jiġu likwidati d-danni kollha konsegwenzjali. Għalhekk, waqt li d-deċiżjonijiet fil-Qorti nostrana mhux konsistenti, jekk wieħed ikun positivist, l-artikli tal-liġi tal-Kap 16, huma ċari li l-vittma tad-danni subiti tista` tfittex kemm lill-persuni li għamlu x-xogħol, jew ikkawżaw id-dannu realment bl-atti u bl-operat tagħhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti kollox skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1032 sa 1038 tal-Kodiċi Ċivili, b`dan li azzjoni kontra wieħed ma teskludix lill-oħra, diment li l-istess vittma titħallas tad-danni fil-limiti ta` dak provdut fl-artikoli 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili.*

*<u>Għalhekk għal-dawn ir-raġunijiet din l-eċċezzjoni tal-intmati qed tiġi miċħuda wkoll.</u>*

***8. It-tmien eċċezzjoni tal-intimati – li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.***

*Huwa dritt fundamentali li kull minn jaħseb li għandu dritt, jitolbu bil-mezzi permessi mill-liġi u l-proċeduri jimxu skond il-proċeduri imposti fil-Kodiċi tal-Proċedura ta' Malta. Il-prinċipju li min jallega jrid jipprova huwa sanċit fil-liġi u mħaddan mill-qrati nostrani. Għalhekk kullħadd għandu dritt jintavola dawk il-proċeduri messi għad-disposizzjoni tiegħu mill-ordinament ġuridiku Malti u l-intimati għandhom dritt li jopponu tali talbiet skond il-liġi.*

*<u>L-esponenti tħoss li għal dawn ir-raġunijiet din l-eċċezzjoni tal-intimati għandha tiġi miċħuda wkoll.</u>*

## Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti

40. Dina l-Qorti, wara illi għarblet fir-reqqa r-rapport redatt mill-Perit Legali, tosserva illi filwaqt illi hija predisposta illi tabbraċċja l-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Legali rigwardanti responsabbiltà għal dak illi jirrigwarda l-fatt illi tħalliet garża fil-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic waqt l-operazzjoni illi saret wara l-ħlas tat-tarbija mejta, abbażi tal-provi prodotti ma hijiex, madanakollu, konvinta mill-konklużjonijiet milħuqa mill-istess Espert Legali fejn jirrigwarda responsabbiltà' tal-intimati għal dak illi jirrigwarda l-mewt tat-tarbija tar-rikorrenti qabel il-ħlas, u għalhekk ma tagħmilx tagħha l-konklużjonijiet ta' l-abbli Perit Legali għal dak illi jirrigwarda l-mewt tat-tarbija.

41. Il-Qorti tirrileva illi, bħalma għandha kull dritt illi tagħmel il-Qorti, hija tista' tabbraċċja jew tiċħad kwalsiasi relazzjoni ta' espert, jew in parte jew in toto, w il-Qorti tħoss illi, fil-każ odjern, ser ikollha tagħmel dan.

42. Madanakollu, għandu jingħad illi, għal dak illi jirrigwarda l-varji eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati bit-tama illi jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet kollha tal-Perit Legali, sa fejn kompatibbli ma' dak fuq dikjarat, u dana fis-sens illi:

    a. Is-Supretendent tal-Isptar Mater Dei għandu locus standi fil-każ odjern, bħala l-persuna responsabbli mit-tmexxija ta' l-Isptar Mater Dei - għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati għandha tiġi respinta.

    b. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern għandu **wkoll** locus standi fil-każ odjern, stante illi huwa t-Tabib Prinċipali tal-Gvern u, bħala tali, għandu jirrispondi għal kwalsiasi nuqqas ta' tabib u impjegat ieħor fl-impjieg tal-Gvern, u dana kemm taħt il-kappa ta' '*culpa in eligendo*' kif ukoll '*culpa in vigilando*', għalkemm, fil-każ odjern, aktar japplika l-każ ta' '*culpa in eligendo*', meta tqis illi ġiet impjegata persuna li, b'nuqqas u negliġenza, ħalliet garża ġewwa l-pazjent illi hija kienet qiegħda topera, bil-perikolu għal saħħet tali persuna – għalhekk it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimati għandha tiġi respinta.

    c. Jurgen Stanicic, bħala r-raġel tar-rikorrenti Dorianne Stanicic, għandu kull dritt illi jipparteċipa f'tali azzjoni, kemm bħala ir-raġel tal-pazjenta illi tħallitilha garża ġewwa ġisimha kif ukoll bħala missier tat-tarbija li mietet qabel il-ħlas – għalhekk it-tielet eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

    d. Dwar danni, għalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti naqsu milli jidentifikaw danni illi huma setgħu sofrew kif ukoll illi li kienu qed jippretendu, nuqqas illi ċertament ma jgħin xejn lill-Qorti meta tiġi biex jiġu stabbiliti d-danni illi għandhom jiġu likwidati, dana minnu nnifsu ma jrendix null ir-rikors promotur, peress illi d-danni jiġu stabbiliti mil-assjem tal-provi – għalhekk ir-raba' eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

e. Il-fatt illi tħalliet 'garża' ġewwa il-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic ċertament ma jista' qatt jitqies bħala illi l-intimati taw lir-rikorrenti s-servizz lilha mistħoqq '*secondum artem*', peress illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi QATT ma għandhom jitħallew affarijiet esterni mhux intiżi għall-ġewwa l-ġisem, ĠEWWA persuna wara illi ssir operazzjoni, peress illi dana jista' jwassal għall-effetti fatali – għalhekk, il-ħames eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

f. In vista ta' ammissjoni ċara u kristallina ta' l-intimati permezz ta' Ittra tagħhom datata 6 ta' April 2012 fejn AMMETTEW illi " *a swab had been inadvertetly left in Ms Stanicic vagina during the epostomy*"[2], il-Qorti issibha diffiċli ħafna tifhem kif l-intimati setgħu joħolmu b'tali tip ta' difiża kontradittorja għal dan minnhom ammess – għalhekk is-sitt eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

g. In-nuqqas ta' persuna fl-impjieg u taħt ir-responsabbilta' ta' l-intimati iwassal għall-konsegwenza naturali illi huma għandhom jirrispondu għal kwalsiasi dannu illi tali nuqqas seta' irreka – għalhekk is-seba' eċċezzjoni għandha tiġi respinta.

## Responsabbilta'

43. Jirriżulta, mhux mir-rikors promotur iżda mill-assjem tal-provi, illi bl-azzjoni odjerna r-rikorrenti qegħdin jitlobu għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' għal żewġ akkaduti:

a. Għal fatt illi tħalliet garża fil-parti intima tar-rikorrent Dorianne Stanicic.
b. Għal mewt tat-tarbija waqt it-tqala.

### *A. 'Garża'*

44. Għal dak illi jirrigwarda l-akkadut illi tħalliet 'garża' ta' 10 ċentimetri kwadri, il-Qorti ftit wisq għandha xi tgħid salv illi kienet tippretendi li l-intimati, a differenza tal-linja difensjonali tagħhom fil-proċeduri odjerni, kien ikollhom id-diċenza illi jammettu responsabbiltà' f'tali kwistjoni minnufih!

45. Il-Qorti qiegħda tgħid dan, u b'ċerta fermezza, peress illi l-lealta' lejn il-pazjent u lejn il-Qrati kellhom iwasslu sabiex l-intimati, minnufih, jammettu tort għal dak illi huma, <u>sentejn qabel ma ppreżentaw id-difiża tagħhom</u>, kienu ġia' ammettew. Il-Qorti tħoss illi, għas-skanz ta' kwalsiasi malintiż, ikun opportun illi tiġi riprodotta il-parti kruċjali tal-ammissjoni tagħhom lir-rikorrenti fis-6 ta' April 2012:

> *As promised we have investigated your complaint and conducted a peer review to identify whether there were any shortcomings in the service given to your wife during her stay at the hospital. This review was composed of Dr. Brigitte Gafa (legal advisor), Mr. Albert Scerri (Consultant gyneacologist and obstetrician) and Dr. Antonella Grima. The Board*

[2] Fol 356

> *carried out a thorough evaluation of the medical history, interviewed your wife as well as your good self and the employees who were identified as having given the service to your wife. The enquiry mainly centered on the fact that during a minor intervention on Ms Stanicic, a swab was allegedly left inside her due to the fact that the doctor who was carrying out this intervention allegedly kept interrupting the procedure in order to answer the phone.*
>
> ***From the evidence collected the peer review concluded that indeed a swab had been inadvertently left in Ms Stanicic vagina during the episiotomy**. Although this is considered as a minor mishap please accept our heartfelt apologies for the discomfort that this may have caused to your wife. Since it appears that the procedure was interrupted half way to be handed over to a more senior person it was not possible to identify with precision the stage when the swab had been inserted in Ms Stanicic vagina and unfortunately left there.*
>
> ***We apologise again for this incident and please rest assured that through your case our professionals concerned with such interventions will be more focused than ever before as we will be strictly monitoring their performance to ensure that such incident won't repeat itself.***

46. Il-Qorti, għal darba oħra, ma tistax ma tesprimix l-inkredulita' tagħha kif, wara tali ammissjoni ċara u limpida ta' nuqqas da' parte tagħhom, l-intimati sussegwentement, rinfaċċjati bi proċeduri legali, rrinegaw kwalsiasi ammissjoni tagħhom u allegaw li "*l-allegata garża ġiet prodotta mir-rikorrent minn jeddhom fit-tentattiv tagħhom illi jkunu kredibbli fl-allegazzjonijiet vantanti minnhom*".[3]

47. Il-Qorti tittama illi tali difiża kienet riżultat ta' lapsus da' parte tal-intimati illi kienu ġia' ammettew għal tali żball, u mhux tentattiv sabiex tiżvija l-Qorti fis-sejbien finali tar-responsabbiltà.

48. Madanakollu, tali nuqqas jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku u ma hijiex skużanti li dina titqies bħala "*minor mishap*", peress illi pazjent qatt ma għandu jistenna li titħalla ġewwa fih oġġett aljen għal ġismu bi żball minn tabib illi f'idejh huwa qiegħed jafda ħajtu.

### B. Mewt tat-tarbija

49. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali, fil-konklużjonijiet tar-rapport tagħha, fejn jirrigwarda r-responsabbiltà għal mewt tat-tarbija, tagħmel is-segwenti assersjonijiet[4]:

> *Huwa minnhu li Dorianne Stanicic kellha kumplikazzjonijiet qabel din it-tqala, pero' kif qed jiġi kkonfermat mit-tabiba stess fit-tqala in kwistjoni r-rikorrenti ma kellhiex problemi, iżda kellha stilla ħamra fil-file li tindika li trid tingħata attenzjoni speċjali. Għalhekk waqt li hu minnu li Dorianne Stanicic kellha twelled b'mod naturali, hija kellha tinżamm l-isptar għaliex bil-membrane sweep hija ġiet 'induced' u ma kenitx miftuħa biżżejjed. Riżultanti ta' dan, it-tarbija sabet ruħha f'diffikulta' u fgat f'ġuf ommha;*

[3] Fol 19
[4] Fol 466

50. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali assersjoni, l-Perit Legali wasslet għall-konklużjoni segwenti:

*Għalhekk wieħed jista' jiddeduċi li l-mewt traġika tat-tarbija f'ġuf ommha ma kenitx riżultanza ta' mewt naturali iżda minħabba nuqqas ta' intervent f'waqtu u min minn kien effettivament responsabbli tal-kura tar-rikorrenti Dorianne.*

51. Evalwat il-provi kollha prodotti, partikolarment ix-xhieda teknika tal-Professur Yves Muscat Baron u Dr Michelle Montanaro Gauci, minn imkien ma jirriżulta illi seta' kien hemm xi nuqqas da parte tat-tobba jew li l-fatt li saret il-'Membrane Sweep' wassal sabiex tmut it-tarbija f'ġuf ommha, ossija r-rikorrenti.

52. Jirriżulta, di fatti, illi, meta Dr Michelle Montanaro Gauci xehdet dwar l-involviment tagħha fil-vista tat-23 ta' Frar 2011, hija kellha dan xi tgħid:

*Jien ħarist lejn l-istorja tagħha u l-kura li kienet irċeviet ċioe` l-andament ta` din it-tqala. Kollox kien jidher normali f'din it-tqala. Ma kellhiex pressjoni, baby kien kiber sew u kien jidher anke fuq l-ultra sounds li kienet għamlet qabel. (ara fol. 255 tal-proċess).*

*Jien staqsejtha jekk hijiex qed tħoss iċ-ċaqliq tal-baby. Din hija standard procedure. Hija ikkonfermat li kienet qiegħda tħoss il-movimenti tal-baby. Wara jien eżaminajtha. Kellha pressjoni normali; it-test tal-urina kien normali. Eżaminajtilha żaqqha u l-baby kien jidher li kien ta` daqs normali u ma kienx żgħir. Il-posizzjoni kien "head down" (cephalic position – rasu l-isfel) u r-ras kienet bdiet nieżla ġewwa l-għadam tal-pelvis, kif huwa mistenni ta` 39 weeks. Smajna l-qalb tat-tarbija bid-Doptone u nstemgħet sew u regolari. Wara pproċedejt bil-permess u l-kunsens tal-pazjenta għall-vaginal examination. Ir-ras tat-tarbija ma nħassitx għolja, ċioe` kienet f'posizzjoni li wieħed jistenna fit-tqala ta` 39 weeks. L-għonq tal-utru kien beda jipprepara għall-ħlas u jinfetaħ ftit. Kien miftuħ bejn 1-2 cm. Bil-kunsens tal-mara (ċioe` tal-pazjenta) għamilt "membrane sweep". Il-"membrane sweep" hija proċedura naturali li tgħin l-għonq tal-utru jipprepara għall-proċess tal-ħlas. Waqt din il-vista erġajt ikkonfermajt mal-pazjenta l-pjan kif kien diġa` stabbilit minn qabel sabiex tipprova teħles normali. Dan il-pjan kien diġa` ġie diskuss u deċiż mat-tobba ġioe` ma senior registrar tat-team ta` Prof. Yves Muscat Baron li ser tipprova teħles b'mod naturali. Għamilt pjan mal-pazjenta li hija terġa' tiġi għall-vista oħra wara ġimgħa meta kien ha jkollha eżatt 40 weeks.*

53. Jirriżulta, minn tali xhieda, illi dawna l-fatti jistgħu jiġu stabbiliti lil kienu ċerti dakinhar tal-eżami:

a. It-tarbija kienet f'posizzjoni tajba għat-twelid.
b. It-tarbija kellha 'heart beat' sew u regolari.
c. It-tarbija kienet ta' daqs normali.

d. It-tarbija kienet qed tiċċaqlaq regolarment, skond dak li qalet ir-rikorrenti.
e. L-għonq tal-utru kien qiegħed jipprepara għall-ħlas.

54. Jirriżulta, għalhekk, illi mill-eżami illi sar lir-rikorrenti da parte ta' Dr Montanaro Gauci, ma kien hemm assolutament xejn illi seta', b'xi mod, jallarma lit-tobba dwar is-Saħħa tat-tarbija kif ukoll tar-rikorrenti Dorianne Stanicic, fatt illi ġie kkonfermat ukoll mill-Professur Muscat Baron.

55. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali enfasizzat ukoll fuq il-fatt illi fuq il-file kien hemm "stilla ħamra", li kienet tfisser illi "*minn jeżamina jew jassisti l-pazjent ikun tenut li jagħtih attenzjoni speċjali*."[5]

56. Jirriżulta illi, in kontro eżami, Dr Michelle Montanaro Gauci, ghalkemm ma ftakretx jekk kienx hemm "stilla ħamra" jew le, ftakret is-segwenti:[6]

> *Iva u li kellha ċesarja qabel huwa something that we pay attention to. U parti mid-diskussjoni hu biex niddeċiedu kif ser teħles persuna niddiskutu r-riskji kollha tal-fatt li hemm qasma fl-utru. Iva hi ħaġa li hi mportanti li wieħed jiġbed l-attenzjoni, <u>għalhekk eżaminajtha dakinhar biex nara li l-pelvis kien wiesgħa biżżejjed biex din id-darba intuha ċans għall-ħlas normali</u>. Ovvjament ħadd ma jkun jaf x'ser jiġri.*

57. Jirriżulta illi tali verżjoni tal-fatti ġew anke korroborata mill-Professur Yves Muscat Baron, meta xehed quddiem il-Qorti u kellu dan xi jgħid dakinhar:[7]

> *Mistoqsi xi jfisser meta persuna fuq il-patient card tagħha jkollha stilla ngħid ifisser li min ikun ikollu bżonn l-attenzjoni kemm fl-isptar u anke jekk tmur għal kura privatament. Jiena interpellejt (intervenejt?) mar-rikorrenti meta l-assistenta tiegħi qaltli li r-rikorrenti l-aħjar ħaġa li tibda weħidha. Dan għaliex it-tqala preċedenti, li kienet fl-2008 kienet b'ċesarja peress li l-baby kienet imdawra. F'dawn il-każi nagħmlu ċesarja. Pero l-prassi standard meta r-ras tkun 'l isfel inħallu lill-ommijiet jeħilsu b'mod normali u kemm jista' jkun ukoll jibdew weħidhom. Dan għaliex jekk wieħed jisforza l-utru biex tibda l-proċess tat-twelid hemm ir-riskju li jinqata' l-utru minħabba l-qasma li kienet saret preċedentement meta saret iċ-ċesarja. Nixtieq ngħid illi ċ-ċesarja li saret fuq ir-rikorrenti kienet welldet ta' thirty nine weeks u tlett ijiem. Meta miet il-baby kien thirty nine plus erbat ijiem u kienet ilha erbgħa u għoxrin siegħa ma tħossx il-baby qabel wellditu b'referenza għat-tqala tal-2011. Jiena dħalt biss meta l-assistenta tiegħi talbitni għal parir. Id-deċiżjoni li r-rikorrenti jkollha ħlas normali kienet ilha li ttieħdet mill-ewwel vista meta kienet biss sitt gimgħat tqala u dan dejjem bil-kunsens tal-pazjenta.*
>
> *Kontro eżami*

---

[5] Fol 463
[6] Fol 522
[7] Fol 351

> *Mistoqsi jekk jiena qbiltx mad-deċiżjoni ta' l-assistenta tiegħi illi r-rikorrenti Stanicic kellha teħles b'mod normali ngħid illi dan hu każ normali u kont naqbel magħha.*
>
> *Ri eżami*
>
> *L-assistenta kienet Dr Michelle Montanaro Gauci. Jiena Consultant Obstetrician Gynaecologist fl-Isptar San Luqa u ilni f'din il-kariga mill-2005.*

58. Jirriżulta illi l-abbli Perit Legali ikkonkludiet illi l-'*Membrame Sweep'* wasslet sabiex tkun '*induced'* biex twelled. Tali konklużjoni, madanakollu, ma ssibx riskontru tekniku fix-xhieda tat-tobba esperti li xehdu quddiem il-Qorti w quddiem l-Perit Legali, u di fatti, Dr Michelle Montanaro Gauci, mistoqsija dwar jekk kenitx indotta għall-ħlas, kellha dan xi tgħid:[8]

> *Il-pazjenta ma kenitx bdiet fil-ħlas. Ma kien hemm ebda raġuni biex nibdewha fil-ħlas. Anzi, minħabba l-fatt li kella diġa` ċesarja u ċioe` qasma fil-ġuf kienet tkun ta` detriment għaliha u għat-tarbija kieku kellna nibdewha fil-ħlas bil-mediċini u nisfurzaw il-proċess naturali tal-ħlas (by induction). Kieku kellna ninduċu l-ħlas konna nżidu r-riskju li l-utru jċedi jew jixpakka minħabba li kien diġa` hemm qasma taċ-ċesarja tal-2009. U kieku kellna ninduċu l-ħlas konna nżidu r-riskju li ma jirnexxilhiex teħles normali u tispiċċa minflok b'emergency caesarean. Fil-fatt il-guidelines tar-Royal College of Obstetrics and Gynaecologists jgħidu li f'każijiet bħal dawn aħjar li wieħed jistenna anke sa 41 weeks jekk hemm bżonn biex tagħti ċans massimu biex il-proċess jibda b'mod naturali. Dan dejjem jekk ma jkunux inqalgħu xi kumplikazzjonijiet.*

59. Il-Qorti tosserva wkoll illi tul is-sitt snin tal-kawża odjerna, r-rikorrenti qatt ma pproduċew espert mediku sabiex jikkorroboraw it-teżi tagħhom dwar il-kawża tal-mewt traġika ta' bint ir-rikorrenti w it-tobba li kienu qed jikkurawha.

60. Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti u abbraċċjat mill-Perit Legali, il-fatt jekk r-rikorrenti kenitx miftuħa '2' jew le ma għandha ebda ness mal-fatt illi, sfortunatament, ftit jiem wara li marret l-Isptar Mater Dei, it-tarbija mietet f'ġuf ir-rikorrenti Dorianne Stanicic qabel il-ħlas

61. Għalhekk, mill-assjem tal-provi, partikolarment ix-xhieda ta' esperti fil-qasam medika prodotti quddiem dina l-Qorti, ma hemmx provi tekniċi biżżejjed biex jattribwixxi xi tip ta' responsabbiltà' da' parte ta' l-intimati w it-tobba tagħhom fil-mewt traġika tat-tarbija tal-konjuġi Stanicic.

---
[8] Fol 510

## Danni

62. Jirriżulta illi l-Perit Legali, fil-konklużjoniijet taghha, għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha illi wassluha tillikwida danni dovuti.

63. Jirriżulta illi, filwaqt illi jkun opportun illi l-Qorti tirriproduci l-ħsibijiet u l-konklużjonijiet tal-abbli Perit Legali, referenza ser issir biss għad-danni likwidati għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà relatata mal-'garża' illi tħalliet ġewwa l-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic.

64. Jirriżulta illi l-abbli Perit legali kelha dan xi tgħid dwar danni f'dana il-każ[9]:

> *Ir-rikorrenti ma' ipproponew l-ebda` ammont ta' danni u lanqas stabbilew ir-rata ta' diżabilita` riskontrata fir-rikorrenti Dorianne Stanicic. Lanqas ma jirriżulta li nġieb rendikont tal-ispejjeż li r-rikorrenti għamlu fil-perkors tal-kura li ingħatat lilha.*
>
> *Pero' ġie ippruvat in-ness ta' danni bejn ir-rikorrenti u l-intimati, u minnhom ammess fl-ittra datata fis-6 ta' April, 2012 a fol. 254 tal-proċess kif ġia' ġie diskuss aktar il-quddiem f'din ir-relazzjoni, ċioe' li l-staff tal-Isptar Mater Dei huwa responsabbli għat-tħollija tal-garża fil-parti privata ta' Dorianne Stanicic li ikkaġunatilha infezzjoni u rwejjaħ insopportabbli, li komplew jagħsru aktar lir-rikorrenti speċjalment wara t-trawma li kienet għaddejja minna.*
>
> *Il-pretensjonijiet għad-danni mitluba mir-rikorrenti, Dorianne Stanicic ma tittrattax ta' xi "pretium doloris" imma danni li lanqas jaqgħu taħt "lucrum cessans" (stante l-fatt li d-damnum emergens mhux miltlub u ma nġabet l-ebda` prova f'dan ir-rigward).*
>
> *Fis-sentenza (paġna 14) fl-ismijiet* ***Lucianne Cassar v. Dragonara Casino Limited (C-23950)*** *PA [2012], kif preseduta, li tgħid "[....]hi effettwata negattivament mhux biss fiżikament iżda wkoll psikikament[....]" (emfasi miżjuda). Dan il-kunċett hu rifless ukoll fis-sentenza* ***Dr. Joseph Pace et v. The Hon. P.M. Dr. Eddie Fenech Adami et.*** *PA [2012]. F'dawn is-sentenzi (mhux appellati) kienet saret referenza għas-sentenza* ***Busuttil Linda v. Dr. Muscat****, PA [2010], Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo li tgħid hekk:*
>
> > *'[....] u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, il-liġi tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal-ħajja [....]'.*
> >
> > *'[....] Il-ħsara mhux partimonjali, minn natura stess tagħha, u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislattivi li jirregolaw il-quantum, ma tistax tiġi likwidata jekk mhux arbitrio boni viri wara li l-qorti tqis il-rikorrenti kollha li ssemmew fuq[...]'. (emfasi miżjuda mill-esponenti)*
>
> *Hawnhekk, wieħed jista' jikkonkludi li l-qrati applikaw dak li jissejjaħ "danno esistenziale", kif interpretat mill-Qrati Maltin fid-dawl tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropeja fir-rigward li jinkludu l-kategoriji kollha ta' ħsara mhux patrimonjali. Il-qrati lokali, f'dawn it-tliet deċiżjonijiet fuq riferiti, ikkonkludew li kien hemm vjolazzjoni ta' dritt Ċivili tal-partijiet involuti għaliex il-liġi ma tipprovdix rimedju adegwat lil min qed isofri danni li ma jistgħux jiġu kwantifikati taħt il-lucrum cessans u d-damnum emergens, u li dawn għandhom jiġu mogħtija fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata. Dan jaqbel ukoll mal-linja ta' ħsieb tal-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja minħabba li dan il-ksur huwa dannu in re ipsa.*

---

[9] Fol 487

*Fejn il-ECHR fil-każ deċiż fis-17 ta 'April 2003, n. 6168/2003 Giustizia Civile (GC), 2372, ipprova jagħti direzzjoni fir-rigward.*

*Ir-ratio decidendi komuni għat-tliet każijiet fuq imsemmija huwa li r-rikorrenti ma sofrewx biss ħsara patrimonjali, iżda l-inċidenti riskontrati affettwaw ħażin ukoll l-istil ta' ħajja tagħhom, id-dritt tagħhom li jkollhom tarbija, u r-relazzjonijiet inter- u intra-personali tagħhom u konsegwentement id-dinjità tagħhom.*

*F'każ simili fl-Irlanda, Lavina Doyle u Luca Chiussi vs The Health Services Executive :*

> *"Failure to properly monitor a high risk mother and failure to react properly to abnormal cardiotocograph trace resulting in the still birth of baby (Lavinia Doyle & Luca Chiussi v The Health Service Executive (HSE))*
>
> *The First Named Plaintiff in this case had a history of pre-eclampsia and had lost her baby in an earlier pregnancy due to this condition. When symptoms of pre-eclampsia began to manifest themselves she was referred by her GP to the Defendant Hospital. She remained an inpatient in the Defendant Hospital for several days. Ultimately the First Named Plaintiff suffered a placental abruption which is a known complication of pre-eclampsia. As Solicitors for the Plaintiff we alleged that substandard care in many of the features of placental abruption were present and should have been acted upon. We further alleged that there was a failure to properly react to an abnormal CTG trace monitoring the baby's heart and the uterine contractions and a failure to carry out adequate CTG recordings.*
>
> *As a result of the placental abruption, the Plaintiffs' baby boy was stillborn. The Plaintiffs alleged that this represented substandard care and proceedings for wrongful death and nervous shock on the part of both Plaintiffs were issued. The case was fixed for hearing on 7th November 2007. On the hearing date the matter was settled for a damages amount of €100,000.00 plus legal costs. There was a full admission of liability in this case which received a lot of media publicity in November 2007. See Newspaper reports under our Latest News section."*

*F'dan il-każ, l-HSE argumenta li ma kien hemm l-ebda` dispożizzjoni taħt il-liġi li taħtha l-koppja fittxet għal-danni fir-rigward tal-mewt tat-tarbija fil-ġuf tal-omm. It-tarbija ma kenitx persuna skont it-tifsira tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Ċivili tal-1961 tal-Irlanda, li tippermetti li wieħed ifittex għal mewt nġusta.*

*Madankollu, l-avukati tal-koppja qalu li l-Att tal-1961 kellu jiġi interpretat skont l-Artikolu 40.3.3 tal-Kostituzzjoni u jekk ma kinux koperti mil-liġi attwali, l-Att tal-1961 kien anti-kostituzzjonali. Dan kien ukoll inkompatibbli mal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Att tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2003.*

*F'dawn is-sentenzi kollha, il-qrati, kemm Maltin u oħrajn, iddefendew it- "teżi" ta' ħsara mhux patrimonjali tramite l-Kostituzzjoni. Fit-tliet każijiet fuq riferriti, l-Onorabbli żewġ Imħallfin involuti bbażaw is-sentenzi tagħhom fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:*

1. *Il-Qrati applikaw il-kunċett ta' arbitro boni viri u l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili Malti. Il-qrati interpretaw il-frażi "kwalunkwe ħsara li tirriżulta minnha" biex tinkludi ħsara mhux patrimonjali. Dan l-Artikolu ġie moqri flimkien mal-Artikolu 3.1 Charter tal-Fundmental Human Rights tal-Unjoni Ewropea, li jittratta l-integrità psikofiżika u l-Artikolu 6 tat-Trattat ta' Lisbona li jiddikjara li ċ-Charter anness "għandu l-istess valur legali". Barra minn hekk, il-qrati applikaw ukoll l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili Malti. Il-kliem "ħsara reali" għandhom jinqraw biex jirriflettu r-realtà preżenti. Id-differenza minuri bejn dawn is-sentenzi hija li, filwaqt li l-Imħallef Dott. G. Caruana Demajo għamel referenza għad-dannu mhux*

*patrimonjali u inkluda d-danni psikofiżiċi, l-Imħallef* Dott. S. Meli *indirizza l-każijiet in kwistjoni bl-istess mod, iżda speċifika l-ħsara mhux patrimonjali bħala "danno esistenziale". Pero' "id-danno esistenziale" m'għandux jiġi ekwiparat ma' ħsara morali jew bijoloġika, iżda jekk ir-rimedju għal danni morali u / jew bijoloġici mhumiex adegwati, in-nuqqas attwali ta' rimedju "jiġi rekupert" taħt it-terminu "danno esistenziale", u jista' mbagħad jiġi ttrattat leġittimament taħt din l-intestatura partikolari kif delineata.*

2. *Fil-każ ta' Jaccarini, l-Imħallef rabat il-kwistjoni mad-dinjità umana, fil-waqt li fil-każ Dragonara, l-Imħallef attwalment ikkwalifika "id-dritt li jgawdi l-ħajja" permezz ta' dan li ġej:*

   *a. l-inkapaċità ta' l-applikant li twelled b'mod naturali,*
   *b. l-inabbiltà li wieħed jieħu ħsieb u jerfa' lil uliedha,*
   *c. il-kostrizzjoni biex jinbidel ix-xogħol, minħabba d-diżabilità,*
   *d. il-ħin investit fit-trattament mediku u l-kontrolli, minflok ma jkun investit mal-familja tagħha,*
   *e. il-bidla fl-istil tal-ħajja u r-relazzjoni mal-familja tagħha, u fil-fatt li hija kellha tkun esposta għal proċedimenti tal-qorti.*

*Addizzjonalment, f'Malta l-liġijiet jitrattaw il-protezzjoni tat-tarbija fil-ġuf filwaqt li l-abort huwa att kriminali. Għalhekk it-tarbija fil-ġuf għandha protezzjoni legali.*

*Aktar u aktar, is-suespost ġie msaħħaħ ulterjorment wara l-emendi riċentissimi tal-Kodiċi Ċivili, Artikolu 1045, bl- ATT Nru XIII tal-2018, li jistipulaw is-segwenti:*

> *(1) ll-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*
>
> *Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*
>
> *Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.(emfasi miżjuda)*

*Għalhekk, għalkemm il-qrati Maltin mhumiex marbuta ma każistika preċedenti, pero' xorta waħda huma marbuta bil-Kostituzzjoni ta' Malta, bil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-liġijiet u t-trattati tal-Unjoni Ewropeja. Fil-fatt insibu li fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem :*

> *'[….] national courts should not only concede to non-patrimonial damage but also should not refuse the non-patrimonial damage and award a fair amount[….]'. (Highlighted and underlined for emphasis)*

*(i) Fid-dawl tal-emendi tal-Kodiċi Ċivili, l-artiklu 1045, l-ispirtu tal-leġislatur hu propju li d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Ewropeja wasslu tibdil fil-liġi Maltija. L-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili jservu bħala klawsoli ġenerali dwar ir-responsabbiltà u kliem bħal "kwalunkwe ħsara" użat f'dawk l-artikoli jinkludu l-obbligu li tagħti kumpens lil kull min ikun sofra minn att ikkaġunat minn xi tort. Il-prinċipju ta' restitutio in integrum jintuża bħala motivazzjoni mill-Qrati meta jingħata kumpens. Il-kumpens monetarju fil-kuntest ta' '"kapijiet tad-danni" għandu l-għan li jreġġa' lura lill-parti danneġġjata għas-sitwazzjoni li hu jew hi kienu qabel ma seħħ it-tort. Ir-rikonoxximent ta' "kap ta' dannu" jagħmel jew jikser il-kapaċità ta' min jagħmel it-talba li jirkupra danni taħt il-Civil Law of Tort u meta rikonoxxut b'mod espliċitu fil-liġi, jista' jikkontribwixxi għal aktar uniformità fis-sistema legali. Il-kunċett tal-Kodiċi Ċivili Franċiż fis-sens li "Every act whatever of man that causes damage to another, obliges him by whose fault it occurred to repair it" huwa wkoll fundamentali għal-liġi Maltija.*

*Anke jekk fit-tfassil tal-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili preżenti, il-leġislatur famuż tas-seklu 19 Sir Adriano Dingli, Crown Advocate u aktar tard Prim Imħallef, żamm il-Code Napoleon bħala sors ewlieni ta' ispirazzjoni, permezz tan-noti tiegħu wieħed isib minn fejn sporadikament importa ċerti Artikoli fil-Kodiċi Ċivili Maltin. Matul il-paġna ħamsa u ħamsin in-noti tiegħu Dingli kiteb l-Artikolu 1045 fuq il-bażi tal-liġi Awstrijaka. Fil-qosor, wieħed jista' jikkonkludi li mill-Kodiċi Ċivili jidher li minn naħa waħda l-artikoli 1031 u 1033 jintitolaw lil kull min ikun sofra korriment personali li jitlob kull forma ta' danni b'mod ġenerali u min-naħa l-oħra l-Artikolu 1045 ifittex li jagħti speċifikament lill-parti offiża Damnum Emergens (telf attwali) u Lucrum Cessans (telf futur). Mill-ġurisprudenza u mill-kitba akkademika, ħareġ li l-intestatura ta' Damnum Emergens prinċipalment tkopri:*

1. *Telf attwali;*
2. *Spejjeż li l-vittma setgħet ġiet kostretta teħel;*
3. *Spejjeż mediċi attwali;*
4. *Żieda attwali fl-ispejjeż relatati mat-trasport u spejjeż mixxellanji; u*
5. *Telf ta' pagi attwali jew qligħ ieħor.*

*Filwaqt li Lucrum Cessans huwa definit bħala t-telf ta' dħul futur, dan ġie mxebbaħ ma' pont (bridging the gap) mal-liġi Ingliża f'diversi okkażjonijiet. Il-formula tas-sistema Multiplier kisbet rikonoxximent stabbli mill-Qrati Ċivili Maltin, anki jekk xejn dwar dan ma jissemma b'mod espliċitu fil-liġi.*

*Permezz ta' din il-formula, li ġiet introdotta fil-ġurisdizzjoni Maltija fis-sentenza fundamentali Butler vs Heard 1969, il-mod kif il-Qrati tagħna jiddeċiedu li jikkwantifikaw il-ħsara taħt kapijiet ta' danni preżenti fl-Artikolu 1045, joffri taħlita ta' elementi rilevanti imfassla għall-Common Law li tqis ukoll, inter alia, l-hekk imsejħa "chances and changes of life." F'din is-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell ikkwotat direttament awturi Ingliżi, bħal Munkman, Kemp u Kemp u Mc Cormick u l-ġurisprudenza bħal Boys vs Chaplin. Barra minn din il-forma ta' danni fil-ġurisdizzjoni Maltija, hemm ukoll numru ta' każijiet seminali li ġew deċiżi mill-Qrati Ċivili lokali fejn taw danni li ma humiex ta' natura pekunarji.*

*Fil-każ odjern, il-fatt li qed jiġi stabbilit in-ness bejn il-ħsara (u aktar tard anke il-mewt ta' Kelise) li hija riżultanti ta' negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regoli kollha fil-kura medika, li jista' jagħti lok għal reat kriminali, qed jiġi applikat l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili għall-kumpens għall-dannu morali u psikoloġiku kkawżat lir-rikorrenti konjuġi Stanicic.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti ma tikkondividix l-argumenti sottomessi mill-intimati fir-rigward. Fid-diskussjonijiet miżmuma preċedentement bejn il-partijiet ta' din il-kawża, l-intimati allegatament kienu ressqu offerta pero' ir-rikorrenti ma aċċettawx.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tħoss li hu xieraq li r-rikorrenti Dorianne Stanicic tiġi kumpensata għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu arbito boni viri u elfejn euro (€2,000.00) bħala danni morali u psikoloġiċi lil konjuġi Stanicic.*

65. Il-Qorti, wara illi qieset il-konsiderazzjonijet kollha magħmula mill-Perit Legali, tqis illi ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandhiex tagħmel tagħha il-konklużjonijiet minnha milħuqa, ossija illi tillikwida d-danni dovuti riżultat tal-garża li tħalliet fil-parti intima tar-rikorrenti Dorianne Stanicic fl-ammont ta' għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu arbito boni viri.

66. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi d-danni morali u psikoloġiċi għandhom ikunu ta' ħamest elef euro (€5,000), in vista tal-fatti kollha tal-każ.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat ir-rapport Peritali.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ billi;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti għal dak illi jirrigwarda l-akkadut fejn tħalliet garża ġewwa r-rikorrenti Dorianne Stanicic waqt intervent illi kien qed isirilha fit-28 ta' Frar 2011,

**Tiddikjara** lill-intimati in solidum bejniethom responsabbli għad-danni riżultat tal-fatt illi, waqt intervent li kien qiegħed isir fuq ir-rikorrenti Dorianne Stanicic fit-28 ta' Frar 2011, tħalliet garża ġewwa fiha riżultat ta' traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da' parte ta' impjegati ta' l-intimati, u għalhekk,

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' għaxart'elef euro (€10,000) bħala dannu arbito boni viri u ħamest elef euro (€5,000.00) bħala danni morali u psikoloġiċi li flimkien jagħmlu total ta' **ħmistax-il elf Euro (€15,000)**;

**Tikkundanna** lill-intimati Supretendent tal-Isptar Mater Dei u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' **ħmistax-il elf Euro (€15,000)** in linea ta' danni kif fuq spjegat.

**Bl-ispejjeż** kollha kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Bl-imghax** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**